NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Lulju - Awissu 1986

Nru 31

## Messaġġ ta' l-Arċipriet

Waslet mill-ġdid il-festa tagħna!

B'ferħ kbir, ilkoll nistennew ħerqana din l-okkażjoni. U bir-raġun; għaliex il-festa ta' San Ġorġ tnissel fina għaqda u rabta li ħafna drabi ma tistax titfisser.

Jiltaqgħu flimkien familja ma' oħra biex jifirħu u jiffesteġġjaw il-festa tal-patrun tagħhom San Ġorġ. Jiltaqgħu flimkien il-membri ta' l-istess familja li minħabba esiġenzi ta' ħajja jinsabu jgħixu f'irħula oħra jew inkella f'Malta. Jiltaqgħu flimkien bosta qrabat li jiġu fis-sajf minn artijiet il-bogħod, bħal Kanada, l-Amerika, l-Awstralja u pajjiżi oħra. F'kelma waħda, il-festa tlaqqa' lil kulħadd.

Iżda hemm ukoll laqgħa oħra: laqgħa sabiħa u iżjed sinifikanti: minħabba l-festa tal-patrun; bosta erwieħ li jkunu wkoll il-bogħod minn Kristu, jħossu l-ħtieġa li jiltaqgħu miegħU permezz tal-Qrar u t-Tqarbin. U mhux huma biss: anke l-oħrajn li nistgħu ngħidu li huma "on good terms" miegħU, jħossu huma wkoll il-ħtieġa li jiffesteġġjaw il-festa ta' San Ġorġ bi qrara u bi tqarbina. B'hekk inkunu qegħdin nuru li nifhmu eżattament l-iskop tal-festa li tiġi ta' kull sena.

Dawn huma l-awguri tiegħi li nixtieq inwasslilkom illum, f'dan l-ewwel messaġġ tiegħi bħala l-Arċipriet il-Ġdid tal-Parroċċa ta' San Ġorġ: ejjew nifirħu flimkien fil-festa tal-Patrun tagħna; ejjew niltaqgħu flimkien u niffesteġġjaw lill-Patrun tagħna San Ġorġ; ejjew nilqgħu fi djarna lil dawk kollha li jinsabu l-bogħod u li jridu jaqsmu magħna l-ferħ tal-festa; ejjew f'din l-okkażjoni nuru li aħna ta San Ġorġ, billi nqerru u nitqarbnu u niċċelebraw din il-festa verament ta' nsara maturi, li nafu nifirħu u nferrħu bla ma nweġġgħu lil ħadd.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

*Mons. Salv Borg,*
*Arċipriet.*

*Bażilika San Ġorġ,*
*Victoria.*



### SUPPLIMENT DWAR IL-PUSSESS

***Il-Bord Editorjali tar-Rivista 'IL-BELT VICTORIA' qed jippubblika suppliment dwar il-festi li saru fl-okkażjoni tal-pussess ta' l-Arċipriet il-Ġdid tagħna Mons Dun Salv Borg. Dawk li jridu jibgħatu kopja tas-suppliment lil nieshom barra minn Malta jistgħu jitolbu kopja tiegħu mill-Uffiċċju Parrokkjali biex jimpustawha malajr.***

**DIN IR-RIVISTA TITQASSAM B'XEJN,**
**IMMA TQUM IL-FLUS BIEX ISSIR.**
**L-GĦAJNUNA TIEGĦEK HIJA MEHTIEĠA DEJJEM.**

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## *Editorjal*

# IL-FESTA TAGĦNA

*Ftit jiem oħra u niċċelebraw bil-kbir il-festa tal-Megalomartri San Ġorġ, patrun tagħna u ta' Għawdex. Eluf ta' Għawdxin u Maltin jingħaqdu magħna, biex jifirħu u jgawdu magħna din il-festa tant għażiża għalina, l-membri tal-komunità parrokkjali tal-Bażilika Ġorġjana.*

*Jekk inżommu dan il-ħsieb f'moħħna, irridu nħabirku biex kif jgħidilna d-dokument tas-Sinodu Djoċesan dwar il-festi "Il-festa nisranija għandha sens biss jekk tkun kif suppost tkun 'mument qawwi tal-ispirtu li jrid jgħix mill-ġdid ir-rikkezzi kbar tal-fidi'. Jekk il-festi ma jwasslux għall-laqgħa privileġġjata ma' Alla. . .jiġu żvojtati mill-veru skop tagħhom" (C. 13). Għalhekk aħna bħala komunità li tant inħobbu lil San Ġorġ u l-festa tiegħu għandna nkunu ta' eżempju, fiċ-ċelebrazzjonijiet li nagħmlu, għal dawk il-barranin li jiġu biex jifirħu magħna.*

*L-iskopijiet soċjali, kummerċjali, artistiċi u kulturali tal-festa tagħna m'għandna nħalluhom qatt jissuperaw l-iskop ewlieni tal-festa - l-iskop spiritwali. Għandna noqgħodu attenti biex il-festa ta' San Ġorġ tressaqna aktar lejn Kristu s-Salvatur tagħna. Jekk inżommu dan f'moħħna żgur li mill-festa tagħna joħroġ il-ġid tant mixtieq fost il-komunità parrokkjali tagħna.*

*Għalhekk tajjeb u f'postu li permezz tar-rivista tagħna nheġġukom biex kif dejjem għamiltu tkomplu, anke din is-sena, timlew il-Bażilika tagħna għall-funzjonijiet kollha li jsiru. Li tiġu u tisimgħu t-tagħlim li ser jagħtuna l-predikaturi dwar San Ġorġ biex anke aħna nimxu fuq il-passi ta' dan il-kbir martri ta' Kristu u nkunu żguri li qbadna t-triq li twassalna għand Alla l-Missier.*

*Nieħdu ħsieb fil-jiem tal-festa tagħna li nżuru lil dawk li minħabba mard ma jistgħux igawdu l-festa magħna. Nieħdu ħsieb li f'dawn il-jiem ningħaqdu iżjed flimkien u jekk tinsab imxellef ma xi ħadd, hu ħsieb biex bħala rigal lil San Ġorġ, toffrilu l-ħbiberija ġdida li sawwart ma' minn kont forsi miġġieled miegħu. Jekk forsi taf b'xi ħadd inqas ixxurtjat minnekipprova mingħajr daqq ta' trombi għin kif tista; kif għamel Ġorġi tagħna meta qassam ġidu lill-foqra. Ftakar f'dawn il-jiem fl-emigranti tagħna u itlob lil San Ġorġ li, kif hu ma caħadx il-fidi tiegħu fi Kristu, lanqas huma ma jinsew dan il-wirt għażiż li wasslulna missirijietna sa mill-ibgħad żminijiet.*

*B'hekk żgur inkunu kuntenti u ferħanin iżjed fil-festa tagħna ta' San Ġorġ. B'hekk żgur inkunu qed niċċelebraw kif jixraq il-festa tal-patrun tagħna San Ġorġ Martri.*

## *NILTAQGĦU NHAR. . .*

**Lulju**
**Il-Ħamis 3:**
Is-Seba Ħamis ta' San Ġorġ. Fis-7.00 p.m. Quddiesa bil-priedka.
**Il-Ġimgħa 4:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum Espożizzjoni Solenni.
**Is-Sibt 5:**
L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Fis-7.00 a.m. Quddiesa bil-priedka dwar il-Madonna. Jum Espożizzjoni Solenni.
**Il-Ħamis 10:**
It-Tmien Ħamis ta' San Ġorġ. Fis-7.00 p.m. quddiesa bil-priedka.
**Is-Sibt - Il-Ħadd 12 - 20**
**Festi Solenni f'ġieħ San Ġorġ Megalomartri, Patrun tal-Gżira Għawdxija.**
**AWISSU**
**Il-Ġimgħa 1:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum Espożizzjoni Solenni.
**Is-Sibt 2:**
L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Fis-7.00 a.m. quddiesa bil-priedka dwar il-Madonna. Jum Espożizzjoni Solenni.
**L-Erbgħa 6:**
Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, is-Salvatur. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Ecc. Tiegħu Mons. Isqof N. Cauchi.
**Il-Ġimgħa 15:**
Sollennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissima. Festa Kmandata. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.
**It-Tnejn 18:**
Tifkira ta' Sant'Elena Awgustu Imperatriċi.

## Ulied Ġodda fil-Parroċċa

13.4.86
JOSEPH iben Angelo Borg u Agnes neè Apap
1.5.86
LOXANNE - LUISE bint Jonathan Gunn u Deborah neè Brow
10.5.86
JASMINE bint Ivan Vella u Censina neè Micallef
22.5.86
ANITA bint Salvu Portelli u Elizabeth neè Cauci
24.5.86
MICHAEL iben Joseph Bugeja u Josephine neè Formosa.
7.6.86
MICHAEL iben Joe Bugeja u Maria neè Bugeja
7.6.86
MIRIAM bint M'Angelo Saliba u Antonia neè Cassar
8.6.86
LORNA bint Lorrie Saliba u Antoinette neè Vassallo.

## Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

20. 4.86. Doreen Mercieca u Saviour Borg
24.5.86. Yvonne Grech u Emanuel Xerri

## Daħlu Qabilna fl-Eternità

8.5.86 Mikiel Bugeja
9.5.86 Maria Anna Vella
13.6.86 George Sacco

# Is-Saċerdot f'Għajnejn il-Lajċi

*mill-Kan. Dun Mikiel Saliba*

Illum hawn min jgħid li l-antiklerikaliżmu bħala sistema qed jonqos, u waħda mill-kawzi ta' l-antiklerikaliżmu kienet dovuta għaliex uħud kienu jħarsu lejn is-saċerdot bħala xi klassi privileġġjata tas-soċjetà. Iżda l-lum altru li s-saċerdot ma baqgħalux posiżjoni privileġġjata. Il-Vokazzjoni Saċerdotali titlob dedikazzjoni u ġenerożità ġmielhom.

Basta nsemmu s-saċerdot li jaħdem f'qasam pastorali. Dan jista' jkollu mitt lawrja iżda xorta waħda l-ħlas tiegħi hu anqas minn dak ta' l-għar impjieġ tal-Gvern.

Il-lum spiċċa ż-żmien meta d-dinja tirrispetta lis-Saċerdot. Sempliċement għaliex għandu l-Ordinazzjoni Sagra, il-lum is-Saċerdot jikseb ir-rispett fuq dak li jsarraf.

Irridu jkunu l-kwalitajjiet tar-ruħ u tal-moħħ li jiggarantixxu l-qima tan-nies li fosthom jaħdem.

Iżda għalkemm l-antiklerikaliżmu spiċċa bħala sistema, però ma nistgħux niċħdu li ma hawnx diversi li jitkellmu b'manjera dispreġġjevoli fuq is-saċerdot, anke meta dan ikun iddotat bi kwalitajiet l-iżjed tajbin. Kemm smajna minn jgħid li s-saċerdot jindaħal f'kollox? Ġesù Kristu huwa l-ħajja u ġie fid-dinja biex il-bnedmin ikollhom il-ħajja u l-abbundanza tal-ħajja. (Ġwanni X.10)

Imma Hu ried jikkumunika l-ħajja permezz tas-saċerdoti, billi jgħatina l-grazzja permezz tas-sagramenti, li kollha qegħdin f'idejn is-saċerdoti. Osservaw: minn mindu nitwieldu sa ma mmutu s-saċerdot jassisstina fis-sigħat l-aktar solenni ta' ħajjitna.

Malli nidru fuq il-wiċċ ta' din l-art imtebbgħin bil-ħtija oriġinali, għedewwa ta' Alla, s-saċerdot isaffilna lil ruħna bl-ilma tal-magħmudija.

Meta nikbru fl-età u jibdew il-perikoli tar-ruħ, is-saċerdot iġib f'ruħna l-Ispirtu s-Santu u jagħmilna suldati ta' Kristu.

U kif il-bniedem sabiex jikber fil-ġisem jieħu l-ikel konvenjenti għan-natura tiegħu, hekk hu għandu bżonn biex jikber fil-ħajja ta' l-ispirtu, ta' ikel spiritwali. Is-saċerdot għandu s-setgħa li jbiddel il-ħobż fil-Ġisem u l-imbid fid-Demm ta Ġesù Kristu, biex b'dan l-ikel u b'dan ix-xorb jitmantnew is-Saċerdoti u ħuthom il-bnedmin.

Il-bniedem, qabel ma jikkommetti d-dnub, jittama dejjem fil-ħniena t'Alla; imma wara li jagħmel id-dnub jintela' bil-biża' u jitlef kważi kull tama, fil-ħin li jiftakar biss fil-ġustizzja t'Alla; u min għandu l-ħila jippreżenta ruħu quddiem Alla wara d-dnub? Jinxteħet il-midneb f'riġlejn is-saċerdot, jiftaħ qalbu miegħu, jurieh dnubietu u l-miżerji ta' qalbu, u s-saċerdot jerfa' idu u jgħidlu: "Fl-Isem t'Alla u bl-awtorità tiegħU, jiena naħfirlek dnubietek." Dawn il-kelmiet fihom is-sigriet li jikkalmaw il-kuxjenzi mħabblin, li jtaffu r-rimors, li jiftħu t-triq għa-tama, u jibdlu d-disperazzjoni fil-fiduċja u fil-ħniena t'Alla, u jreġġgħu l-bniedem batut lejn Alla u jagħmluh ħabib tiegħU.

Meta Alla jsejjah żewġt iqlub biex igħixu flimkien u jinħabbu reċiprokament, biex jaqsmu flimkien il-ferħ u n-niket tal-ħajja, is-saċerdot ibierek u jqaddes f'riġlejn l-artal imħabbithom.

U meta tasal is-siegħa terribli tat-tluq tagħna minn din id-dinja - meta kulħadd jabbandunana - is-saċerdot jkun magħembna, u wara li jirrikonċiljana ma' Alla u jmantnina bil-ħobż tas-sema, jidlikna biż-żejt imqaddes biex jaħfrilna l-fdal tad-dnubiet, u jagħmilna aktar denji li nidhru quddiem Alla.

Imma xi ħadd igħid 'għalfejn is-saċerdot'?

Tafu għaliex huwa neċessarju? Għax Alla huwa neċessarju għall-bnedmin, u neċessarju iżjed minn kull ħaġa oħra. Huwa jkun irid lil min iressqu għand Alla, għax kieku ma kienx is-saċerdot ta' Gesu Kristu, il-bniedem kien joħloq is-saċerdot tad-demonju, f'kelma waħda, il-bniedem ma jistax igħix mingħajr is-saċerdot.

**Is-Saċerdot difensur tad-debboli**

Meta l-għani mingħajr ħniena jittratta ħażin lill-fqar; meta min jiflaħ jaħqar lil min huwa debboli, is-saċerdot bl-awtorità mogħtija lilu minn Alla, jerfa' leħnu u jfakkar il-preċetti tal-karità evanġelika.

Meta ċerti sistemi li qegħdin jirrovinaw ir-ruħ u jisuġġerixxu l-Vjolenza, il-qerda tal-proprijietà privata li tridha n-natura stess, allura bid-dottrina ta' Papa Ljun XIII, Piju XI u Piju XII li għallmu fl-Enċikliki tagħhom id-dottrina ta' Kristu, is-saċerdot ifittex li jġib il-ftehim, l-armonija, l-paċi bejn l-għani u l-fqir, bejn il-padrun u l-ħaddiem. Is-saċerdot iressaq il-fqir lejn l-għani.

Is-saċerdot jirrikkmanda 'l poplu għal-ubbidjenza lejn l-awtorità mqegħda minn Alla stess biex tiggverna 'l ġnus, u lil-governanti, is-saċerdot jirrikkmanda l-klemenza, il-karità u l-ġustizzja.

Is-saċerdot mhux kuntent li jippriedka u jaħdem ġewwa pajjiżu, imma lill-ġnus kollha, bħall-Appostli, jħalli daru u pajjiżu, u bis-salib f'idejh jitla' fuq muntanja, jaqsam l-ibħra u jiġġerra mad-dinja kollha biex ixandar il-Vanġelu.

Is-saċerdot iċċivilizża d-dinja, billi biddel 19-il seklu ilu radikament is-soċjetà pagana, u mhux kuntent li jippriedka u jaħdem ġewwa pajjiżu.

Is-Soċjetà trid teħles mis-saċerdot. Is-Soċjetà il-lum ċaħdet 'l Kristu, irriġettat il-fidi tiegħu u trid teħles mis-saċerdot. Il-lum kullimkien nisimgħu l-għajta: "libertà" fil-ħsieb u fil-għemil u qegħda ssir gwerra lil Kristu u lis-saċerdot. Illum is-soċjetà trid tinfired minn Alla billi ddawwar spallejha lill-Knisja; irriġettat 'l Alla u lis-saċerdot tiegħU fil-ħin li, sfaċċatament tirrepeti l-kliem blasfemu tas-Sinagoga. Ixandru ma' kullimkien li l-bniedem illum huwa adult, ma għadux tarbija, huwa indipendenti minn kulħadd u minn kollox u padrun tiegħu nnifsu.

Dawn jafu li s-saċerdot huwa dawl għas-Soċjetà, dawl ta' fidi, ta' ċiviltà, ta' salvazzjoni; imma l-preżenza tiegħu titturmentahom; huwa ostakolu għall-fehmiet ħżiena tagħhom, u għalhekk jobgħoduh, jimmaltrattawh, u jfixkluh u jifirduh mill-poplu.

B'inkejja tat-tmaqdir li jsir lis-saċerdoti, għandu wieħed jistqarr li fil-kleru kattoliku l-imġieba hija edifikanti, u l-kostumi in ġenerali ta' min ifaħħarhom, u nistgħu nistqarru li l-Kleru in ġenerali jġib ruħu ta' melħ tal-art.

# Programm tal-Festi Solenni li jiġu ċelebrati fil-Belt Victoria f'Ġieh il-Patrun t'Għawdex

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

## 12 - 20 ta' Lulju 1986

**Is-Sibt, 12 ta' Lulju**

7.00 p.m.: Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Djoċesan Nikol Cauchi li fiha jamministra s-Sagrament ta' l-Ordni tad-Djakonat lil Bro. Fabio Attard S.D.B.

**Il-Ħadd, 13 ta' Lulju - *Jum il-Vokazzjonijiet***

10.00 a.m.: Quddiesa Solenni tas-Saċerdot Novell Fr. Joseph Mercieca li jitwassal sal-Bażilika b'daqq ta' marċi brijużi mill-Banda Ċittadina 'La Stella'.

**It-Tnejn, 14 ta' Lulju - *Jum IL-Ġenerożità***

7.00 p.m.: Quddiesa mill-W. Rev. Arċipriet Mons. Salv Borg. Waqt l-offertorju jiġu offruti lill-Istituti t'Għawdex 'hampers' b' oġġetti tal-ikel.Jilqa' dawn id-donazzjonijiet Dun Manwel Curmi.

**It-Tlieta, 15 ta'Lulju - *Jum iż-Żgħażagħ***

6.30 p.m.: Quddiesa għaż-żgħażagħ kollha tal-Parroċċa.

7.30 p.m.: Ħruġ minn niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ - kapolavur fl-injam u l-ewwel statwa titulari t'Għawdex. Ħruq tan-nar fl-ajru.

**L-Erbgħa, 16 ta' Lulju**

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

4.30 p.m.: Quddiesa għal l-anzjani u l-morda tal-parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-griżma tal-Morda u tingħata tifkira lil dawk preżenti.

6.30 p.m.: Għasar bil-kant Pontifoniku u Priedka mir-Rev.Prof. Dr. Joseph Farrugia Wara l-priedka, Innu Polifoniku, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

9.30 p.m.: Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol l-istatwarju Wistin Camilleri minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ. Tieħu sehem il-Banda 'La Stella'. Fi Triq Repubblika logħob tan-nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Il-Ħamis 17 ta' Lulju**

***It-Tieni Jum tat-Tridu***

8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri tal-Komunità Parrokkjali li mietu matul is-sena.

5.00 p.m.: Quddiesa mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi għat-tfal kollha tal-parroċċa u Premjazzjoni lill-aħjar tfal li jattendu ċ-Ċentri tad-Duttrina.

6.30 p.m.: Għasar Kantat u kollox bħal jum ta' qabel.

9.30 p.m.: Marċ brijuż mill-Banda La Stella mat-toroq ta madwar il-Bażilika.



**Il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju**

***It-Tielet Jum tat-Tridu***

8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata għall-Benefatturi ħajjin u mejtin.

5.00 p.m.: Quddiesa għall-Emigranti li jkunu magħna għall-Festa.

6.00 p.m. Għasar, Priedka u kollox bħal jum ta' qabel.

9.30 p.m. Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġorġ kapolavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa titulari tal-Festi esterni f'Għawdex. Jieħdu sehem il-baned 'La Stella' u "Victory". F'din l-okkażjoni l-

banda 'La Stella' żżanżan sett ġdid ta' marċi brijużi. Fi Triq Repubblika logħob kbir tan-nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Is-Sibt, 19 ta' Lulju - *Lejliet il-Festa***

8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu għas-saċerdoti mejtin li ħadmu fil-parroċċa. Kant ta' Te Deum bħala għeluq tat-Tridu.

9.30 a.m.: Marċ brijuż mal-Pjazez prinċipali ta' San Ġorġ u t-Tokk.

5.30 p.m. Quddiesa li tissodisfa l-obbligu tas-smiegħ tal-quddies tal-Ħadd.

6.00 p.m.: Marc mill-Banda La Stella mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa' l-wasla tal-Ecc. Tiegħu Mons. Isqof Djoċesan, Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

6.30 p.m.: Translazzjoni Solenni u Għasar Pontifikali mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof flimkien mal-Kapitlu. Kant ta' Kumpieta u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Wara, Mons. Isqof jikxef u jbierek Lapida Kommemorattiva li tfakkar il-Festi Solenni li saru fl-okkażjoni tas-Sbatax-il Ċentinarju mit-Twelid ta' San Ġorġ.

8.00 p.m.: Programm Mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Filar. "King's Own" tal-Belt Valletta. Jidderieġi Mro. Carmelo Caruana

9.00 p.m.: Marċ minn Pjazza San Franġisk mill-Banda Prekursur li wara tesegwixxi Programm Mużikali fit-Tokk.

9.30 p.m. Esekuzzjoni mill-banda 'La Stella' fi Pjazza San Ġorġ tal-Innu mmortali 'A San Giorgio' versi ta' Prof. L. Billion, mużika ta' Mro. G. Giardini Vella. Jieħdu sehem Baritonu, Tenur u l-Kor tas-Soċjetà. Jidderieġi Mro. Joseph Vella B.Mus. (Dunelm) F.L.C.M.

Wara, marċ uniku għall-gżejjer maltin bis-sehem taż-żewġ baned cittadini 'King's Own u 'La Stella' li matulu jdoqqu marċi brijużi bħala 'massed band'. Mat-tmiem tal-marċ jinħaraq Logħob Kbir tan-Nar fi Pjazza Sabina, xogħol ta' l-aħwa Farrugia.

**IL-ĦADD, 20 TA' LULJU - *JUM IL-FESTA***

8.00 a.m.: Marċ mill-Filar."King's Own"tal-Belt Valletta.

8.15 a.m.: Wasla ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi u Kant ta' Terza.

8.30 a.m.: Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi Ph.D.,Lic.Sc.Soc. Jinseġ il-Paniġierku l-W.Rev. Teol.Ġużeppi Gauci tal-Kapitolu Ġorġjan.

10.30 a.m.: Marċ popolari mill-Filar. 'King's Own' mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria.

3.00 p.m.: Il-Banda La Stella xxandar fuq Cable Radio I is-sett ġdid ta' marċi tagħha.

3.30 p.m.: Tiġrijiet kbar bis-sehem ta' l-aqwa bhejjem minn Malta u Għawdex. Jitqassmu premijiet sbieħ.

6.30 p.m.: Sfilata ta' marċi mill-baned 'Mnarja' 'Victory' u 'La Stella'.

Għasar Solenni mmexxi mill-W.Rev.. Arċipriet, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

7.30 p.m.: Tibda ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali. Il-Banda 'La Stella' tesegwixxi l-Innu mmortali 'A San Giorgio' bis-sehem ta' Kor Baritonu u Tenur.

8.00 p.m.: Tibda timmarċja l-purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Djoċesan bis-sehem tal-Kapitolu u l-Kleru Ġorġjan u l-membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-banda 'La Stella' b'daqq ta' innijiet popolari u reliġjużi fosthom 'Lil Kbir Martri San Ġorġ' mużika ta' Mro. Vincenzo Ciappara, versi ta' P. Akkursju Xerri O.F.M.

8.15 p.m.: Programmi Mużikali fit-Tokk u fi Pjazza San Ġorġ mill-baned 'Victory' u 'Mnarja'.

10.15 p.m.: Daħla trionfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fost il-briju u l-entużjażmu tal-Ġorġjani Għawdxin u Maltin.

11.00 p.m.: Marċ brijuż mill-banda 'La Stella' li bih jingħalqu dawn il-festi ewlenin ta' l-Għawdxin.



● *Il-mużika fil-Bażilika tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Jos. Vella B. Mus. (Dunelm) F.L.C.M. Maestro di Cappella. Nhar il-festa Mro. Vella jidderieġi l-kompożizzjoni tiegħu 'Mass in D Major'.*

● *Fil-jiem tat-Tridu jiġi esegwit l-Innu 'Georgi Miles Inclite' kompożizzjoni ta' Mons. Gius. Farrugia u l-Antifona kliem ta' San Pier Damiani mużika ta' Carlo Flamengo.*

● *Fil-Bażilika qed jiżżanżnu 24 kwadru tal-mużajk fil-kupletti tan-navi li l-Benefattur prinċipali tagħhom hu s-Sur Ġorġ Saliba.*

● *Nhar il-Festa fil-Bażilika l-quddies ikun fl-4.00; 5.00; 6.00; 6.30; 7.00; 7.30; 8.00; 8.30 (Pontifikal Solenni) 11.00; 12.00; 1.00p.m.; 4.00p.m.; 5.00 p.m. Fiċ-Ċentru Parrokkjali jinżamm quddies fid-9.00 a.m. u fl-10.00 a.m.*

● *L-illuminazzjoni tkun tad-ditta Ġorġ Zammit (Qormi).*

● *Matul il-granet kollha tal-festa l-vapur t'Għawdex jagħmel dawn it-trips fit-tard; Miċ-Ċirkewwa fit-8.00 p.m.; fid-9.00p.m.; f'12.00 a.m. u fis-2.00a.m. Mill-Imgarr fil-11.30p.m.; fis-1.30 a.m. u fit-3.30 a.m.*

***IL-ĠORĠJANI KOLLHA HUMA MHEĠĠA JQIMU LILL-PATRUN TAGĦHOM BI QRARA U TQARBINA.***

*"Imberkin dawk li jaħdmu għall-paċi għax jissejħu wlied Alla".*

(Matt: 5, 9)



**4** **Bennejja tal-Paċi**



# *FRANĠISKU TA' ASSISI*

Eluf ta' artisti fakkruh f'bosta pitturi. Il-mezzi tax-xandir għadhom jippreżentawh bħala l-messaġġier tal-paċi. F'kull, belt, triq, pjazza u knisja ifakkru ismu. Bosta huma dawk fid-dinja kollha li jippruvaw jgħixu l-messaġġ tiegħu. Għaliex dan kollu? Din l-istess mistoqsija kien għamilha lil San Franġisk ċertu Fra Masseo: "Franġisku għaliex id-dinja kollha tiġri warajk?" Franġisku, bi tbissima, wieġbu: "Għaliex Alla ma sabx midneb akbar minni!"

Il-fqajjar ta' Assisi kien ħieles minn kull rabta mad-dinja; ħoloq fih innisfu u madwaru mod ġdid kif iħares, jaħseb u jġib ruħu. Paċi ma' kulħadd: mal-lupu, mal-ħaruf, man-nobbli, mal-fqir, mas-sempliċità ta' Fra Ginepru u l-kobor ta' Fra Silvestru. Aħjar iħares lejn il-futur milli lejn il-passat. Jemmen aktar fil-pjan t'Alla milli fil-proġetti tal-bniedem. Fil-ħidma tal-bnedmin jara l-id t'Alla. Dejjem ifittex dak li jgħaqqad u mhux dak li jifred, għax marbut ma Alla.

Franġisku kellu d-don sabiħ li jitkellem b'kelmiet ħfief li jifhimhom kulħadd. Qalbu kienet tfur bl-imħabba lejn Alla u lejn ħutu l-bnedmin. Dejjem lest biex jaħfer mingħajr ebda tnikkir. Kliemu wkoll kien jiġbdek u qabel ma jwiddeb kien jiżen kull kelma li jgħid. Hu kien iebes miegħu nnifsu, imma ta' ħniena kbira ma' l-oħrajn. Mhux ta' xejn li kulħadd kien iħobbu. F'dinja li fiha l-paċi hi tant nieqsa, San Franġisk, li fi żmienu wkoll tnikket għall-mibgħeda u l-firda ta' fost il-bnedmin, kiteb fit-'Testment' li t-tama tagħna għandha tkun fil-paċi tal-Mulej.

Jekk trid tikseb ftit paċi vera trid tkun lest li taqleb ħajtek ta' taħt fuq, għax jekk int imdejjaq sinjal li għandek kollox ta' fuq taħt. Illum, 800 sena wara, ir-reċita ta' Franġisku għadha tajba w effettiva:

Fejn hemm il-mibgħeda, ħeġġeġ l-imħabba;
Fejn hemm il-ħtija, ferrex il-maħfra;
Fejn hemm id-dubju, daħħal il-fidi;
Fejn hemm qtigħ il-qalb, qawwi t-tama;
Fejn hemm id-dlam, kebbes id-dawl;
Fejn hemm in-niket, xerred il-ferħ.

Fittex iżjed li tifhem lil ħaddieħor, milli ħaddieħor jifhem lilek;
Fittex iżjed li tħobb int, milli kif ser tkun maħbub;
Fittex iżjed li tfarraġ lil ħaddieħor, milli kif ser tkun imfarraġ;
Għax meta tagħti, taqla';
Għax meta taħfer, jinħafirlek;
Għax meta tmut għalik innifsek,
Titwieled għall-vera ħajja.

U ssir tassew STRUMENT TAL-PAĊI T'ALLA.

## *IŻ-ŻJARA TAN-NUNZJU F'SAN ĠORĠ*

Nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju 1986 għamel l-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex in-Nunzju Apostoliku għal Malta l-E.T. Mons Pier Luigi Celata. Matul din iż-żjara huwa għamel vista lill-Bażilika tagħna fejn ġie milqugħ mill-Arċipriet Mons. Dun Salv Borg u minn membri oħra tal-Kapitlu. Mons Celata li kien akkumpanjat minn Mons Francesco Canalini u mill-Isqof t'Għawdex, ġie mdawwar mal-Bażilika u maċ-ċentru parrokkjali. Huwa ta l-awguri tiegħu lill-Arċipriet il-ġdid li kellu jieħu l-pussess ftit ġranet wara. Fir-ritratt Mons Celata jidher jiffirma l-Visitors' Book u fejnu jidher Mons Arċipriet.



## *Kor Bulgaru f'San Ġorġ*

Wirja mpekkabbli ta' kant reliġjuż ingħatat mill-Kor Bulgaru "Angeloglassniyat" (Angel-voices) fil-Bażilika tagħna nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju 1986 fil-għaxija. Il-kor, magħmul minn irġiel biss, kanta kant sagru bil-Bulgaru u kulħadd faħħar il-mod li bih ġew interpretati x-xogħlijiet li ppreżentaw. Preżenti għal dan il-kunċert ta' kant kien hemm s-Segretarju fl-Ambaxxata Bulgara f'Malta u s-Sur Joe Attard tal-Kumitat tal-Kultura f'Malta li kienu huma li ġabu dan il-kor f'Malta, kif ukoll Mons. Anton Gauci l-President tal-Kumitat tal-Kultura f'Għawdex. Wara l-kunċert Mons Arċipriet ippreżenta ritratt tal-kwadru titulari ta' San Ġorġ go 'frame' u d-Direttur tal-kor ippreżentalu diska "long-play" ta' kant mill-kor Bulgaru.



# ĦAJJA WAĦDA SOLITARJA

Twieled u trabba f'raħal imwarrab, bin mara raħlija. Missieru kien masturdaxxa, u fil-ħanut tiegħu qatta' ħajtu sa ma kellu tletin sena. Imbagħad telaq, u għadda tliet snin idur u jgħallem. Kotba ma kiteb qatt. Uffiċċju ma kellu mkien. Kulleġġ ma marx. Ħlief fi ċkunitu, qatt ma tbiegħed aktar minn mitejn mil 'il bogħod minn fejn twieled. M'għamel xejn minn dak li s-soltu jagħmlu l-irjus il-kbar. Ma kellux kredenzjali ħlief il-persuna tiegħu nnifsu. Kien għadu fl-aħjar tiegħu meta n-nies daret kontrih. Ħbiebu telquh. Wieħed minnhom ċaħdu. Tawh f'idejn l-egħdewwa tiegħu. Tellgħuh il-qorti, imma kien kollu daħk fil-wiċċ. Sallbuh bejn żewġ ħallelin. Il-bojja tiegħu lagħbu għall-unika proprjetà li kellu, libsa bla ħjata maħduma biċċa waħda. Meta miet, difnuh f'qabar misluf minn wieħed ħabib tiegħu. Għaddew dsatax-il seklu u llum huwa ċ-ċentru ta' l-umanità, f'idejh huwa t-tmun tal-progress li għamel il-bniedem. Inkun qed ngħid is-sewwa meta nistqarr li l-armati kollha li qatt immarċjaw u l-flotot kollha li qatt inbnew, il-parlamenti kollha li qatt iltaqgħu u r-rejiet kollha li qatt irrenjaw, dawn kollha flimkien ma kellhomx influwenza hekk qawwija fuq ġens il-bniedem daqs kemm kellha din il-personalità waħda solitarja.

*Awtur mhux magħruf*

# TAQTAX JIESEK!

Wieħed ħabib tiegħi, fl-età ta' erbgħin sena, sab li kien qed jonqsu d-dawl. It-tabib tiegħu bagħtu għand l-aqwa speċjalista ta' New York. Dam żmien itabbab, issa jagħmel dil-kura, issa l-oħra. Fl-aħħar qalulu ċar u tond li fejqan għalih ma kienx hemm; f'qasir żmien kien ser jagħma għal kollox.
Mar lura l-lukanda. Il-kamra tiegħu kienet f'xit-tletin sular. Fetaħ it-tieqa u ħares 'l isfel. F'kemm ili ngħidlek, seta' jeħles darba għal dejjem. Ma kienx baqagħlu għalfejn igħix. Imma l-fidi salvatu. Dik il-fidi li sa minn ċkunitu kien rawwam ġo fih ħassha ftit ftit timlieh bil-kuraġġ. Għalaq it-tieqa, nesa d-depressjoni li kienet waqgħet fuqu u qatagħha li jibqa' jgħix. Id-dawl t'għajnejh tilfu għal kollox, imma ħabibi għaraf jerġa' jieħu postu fil-ħajja. Illum nafu bi bniedem kuntent, wieħed mill-ftit minn fost dawk li jagħrfu jinsew id-difett tagħhom u jerġgħu jaddattaw ruħhom għall-ħajja.



# ROKNA GĦAT-TFAL:

Għeżież Tfal,
Iż-żmien li lkoll kemm aħna nkunu ilna nistennew, fl-aħħar wasal. Is-sajf! Ix-xitwa tgerbet f'radda ta' salib, il-jiem kesħin u niedja bix-xita għaddew, u tfaċċa l-istaġun li ħafna tfal - nista' ngħid it-tfal kollha - tant iħobbu u jixtiequ ma jgħaddi qatt.
Stennew daqsxejn qabel ma nkompli, għax kont kwazi nsejt nistaqsikom: kif mortu fl-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena? Matul ix-xitwa sikwit kont infakkarkom u nħeġġiġkom biex ma tieqfu qatt tistudjaw u tħabirku. Nittama li ħadd minnkom mhu qed jiddispjaċih li għadda s-sena jitgħażżen u jaħli l-ħin. Irrid nittama li kulħadd kellu suċċess fl-eżami u kulħadd għadda.
Daqshekk dwar l-iskola, għad li nwissikom biex matul il-vaganzi l-kotba ma twarrbuhomx.
Issa nitkellmu fuq suġġett differenti, anzi nkomplu fuq dak li konna qegħdin nitkellmu qabel. Kont qed ngħidilkom li beda s-sajf, iżda dan l-istaġun, fost l-għawm u l-mistrieħ, iġibilna wkoll il-Festa tal-Patrun maħbub tagħna, San Ġorġ Martri. Dawn il-ġranet sbieħ inkunu qegħdin nistennewhom b'ħerqa kbira minn sena għal oħra. U bir-raġun. Lil San Ġorġ ilkoll inħobbuh ħafna u kieku nistgħu, nagħmlulu festa kuljum.
Fil-festa ta' San Ġorġ, ilkoll kemm intom tiddevertu. U sewwa tagħmlu. Biss xtaqt inħeġġiġkom biex ma tkunux attivi biss fil-festi li jsiru barra, marċijiet, logħob tan-nar, tiġrijiet taż-żwiemel. . . u l-bqija.
Irrid narakom tieħdu sehem ukoll fil-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja, b'mod speċjali dik dedikata għalikom it-tfal. San Ġorġ jieħu gost jarakom tirrekrejaw rwieħkom fil-marċijiet, iżda ibqgħu ċerti li jieħu wisq u wisq iżjed pjaċir meta jarakom fil-knisja, imdawrin miegħu tieħdu sehem fil-funzjonijiet sbieħ li jsiru.
Mela, waqt li nawguralkom festa mill-isbaħ u mill-iżjed qaddisa, nawguralkom ukoll vaganzi ta' mistrieħ.

*Tata'*
*Iz-Ziju Peppi*

## Nifirħu lil. . .

- L-Arċipriet il-Ġdid tagħna Mons. Salv Borg li ġie maħtur Prelato d'Onore tal-Qdusija Tiegħu l-Papa nhar l-10 ta' Mejju 1986.
- L-ex Arċipriet Mons Emanuel Mercieca, li Mons Isqof Cauchi għoġbu jaħtru Arċipriet Emeritus.
- Fr. Joe Mercieca li ġie ordnat sacerdot mill-Isqof u li ser jagmħel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar il-Ħadd 13 ta' Lulju 1986.

Lis-Saċerdoti ġodda Għawdxin, Dun Karm Refalo, Dun Lino Vella, Dun Victor Vella, li ġew ordnati dan l-aħħar mill-Isqof.
- Bro Fabio Attard S.D.B. li ser jiġi ordnat Djaknu mill-Isqof Cauchi fil-Bażilika tagħna nhar is-Sibt 12 ta' Mejju 1986.

## THEJJIJA KONTINWA GĦALL-FESTA

Fi ħdan il-Każin tal-Banda La Stella twaqqaf Sotto Kumitat bil-għan esklussiv li jieħu ħsieb il-Festi ta' Barra ta' San Ġorġ u dak kollu konness magħhom. Matul dawn l-aħħar xhur dan is-Sotto Kumitat ħadem bla heda bit-thejjijiet tiegħu għall-festa, tant li għal din is-sena mhux biss ser jiżżanżnu opri ġodda, iżda laħaq sar xogħol kbir ta' restawrazzjoni fuq għadd ta' statwi li kienu waslu biex jispiċċaw għal kollox li ma kenitx l-attenzjoni fil-waqt li ngħatatilhom.

**Pavaljuni ġodda**

Fost ħwejjeġ ġodda li ser jiżżanżnu fil-festa ta' din is-sena nsibu sett pavaljuni kbar tad-dawl biex iżejnu Pjazza t-Tokk u parti minn Pjazza Sabina, kif ukoll oħrajn iżghar għat-triq tas-Suq u Triq Vajringa. L-inizzjattiva u x-xogħol tal-Kumitat hawnhekk ġa beda jħalli l-frott mixtieq. Infatti ġa kellna żewġ benefatturi li jixtiequ jibqgħu anonimi li għamlu tajjeb għall-pavaljuni ta' Triq Vajringa u dawk tas-Suq.

**Restawr ta' statwi**

Xogħol ieħor kbir li sar fil-Każin minn xi membri tal-Kumitat kien jinvolvi r-restawrazzjoni ta' l-istatwi kollha li jintramaw fi Triq Repubblika u Pjazza t-Tokk. Dawn mhux biss inżebgħu mill-ġdid u ngħataw l-istess dehra artistika li kien tahom l-imgħallem tagħhom, l-istatwarju magħruf Wistin Camilleri, iżda issewwew u ssaħħu b'mod li ġew qishom ġodda. F'dal-qasam saru spejjeż kbar, iżda li ma sarx dax-xogħol siewi fil-ħin, konna nitilfu tant statwi sbieħ li ilhom isebbħu t-toroq tagħna għal dawn l-aħħar sittin sena.

**Bandalori ġodda**

Barra dan ix-xogħol kollu fuq il-pavaljuni tad-dawl u r-restawr tal-istatwi, il-Kumitat ħa ħsieb ukoll jagħti bidu għall-bdil tal-bandalori li ssoltu jintramaw fi Pjazza Sabina. Għal din is-sena se jitlesta l-ewwel parti ta' das-sett li jkompli jżejjen dawn l-inħawi.

Wieħed jittama li dan is-Sotto Kumitat, iffurmat minn nies li tabilħaqq għandhom għal qalbhom il-festa tal-patrun tagħna, jissoktaw bix-xogħol utli li qed iwettqu sabiex filwaqt li jkomplu dejjem jipprovaw joħolqu ħwejjeġ ġodda għall-festa ta' barra, ma jittraskurawx il-wirt għażiż li ħallewlna ta' qabilna b'tant sagrifiċċji.

## LIL SAN ĠORĠ MARTRI NHAR IL-FESTA TIEGĦU

O Martri koir San Ġorġ, il-festa tiegħek
bħal seħer timla 'l qalbna b'ferħ tas-Sema;
żgħożija ġdida nħossu kif mill-maqdes
toħroġ bħal dari!

Għax lilek rajna fuq is-swar żonqrija
fuq żiemel abjad, ma' missierna Pawlu
meta l-egħdewwa li jeqirdu ħalfu
l-Isem ta' Kristu.

Il-mard illum ninsew, il-għawġ, il-faqar
u niksu l-Belt Victoria b'ward u ġilji:
il-qlub tat-tfal u ż-żgħażagħ li jinsġulek
l-ogħla kuruna.

Xħin fil-bieb tixref tilmaħ nies ferħana,
ulied kburin, li jġibu l-isem tiegħek. . .
tilmaħ ġorġjani li għalkemm imbiegħda,
illum jifirħu!

Ħares, San Ġorġ mill-ġdid, lil Art Twelidna,
mill-għaks, mill-ġlied, mid-dnub u minn kull pesta
sabiex ngħixu flimkien fis-sliem u l-barka
bħal merħla waħda.

*Rev. George Mercieca STL.*

**IKLA ĠORĠJANA**

**Nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 1986**
**fit-8.30 p.m.**

***Fl-Open Air***

***FL-ASTRA THEATRE COMPLEX***

IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

*SUPPLIMENT*

Lulju - Awissu 1986 Nru 31

# *IL-FESTI TAL-PUSSESS TA' L-ARĊIPRIET IL-ĠDID IL-W.R. MONS SALV BORG*
## *Prel. d'Onore*

**18 ta' Mejju 1986 - 1 ta' Ġunju 1986**



# *IL-FESTI TAL-PUSSESS TA' L-ARĊIPRIET ĠURNATA B'ĠURNATA*

Il-festi tal-Pussess ta'l-Arċipriet il-Ġdid Mons Salv Borg kienu mifruxin fuq ħmistax-il ġurnata bejn il-Ħadd 18 ta' Mejju 1986, Jum Pentekoste, u l-Ħadd 1 ta' Ġunju 1986, Jum il-Pussess fil-Bażilika ta'San Ġorġ. L-Ewwel ġimgħa tal-festi kienu jiem ta' thejjija bi żjajjar lil diversi knejjes u ċentri fil-Parroċċa.

**Il-Ħadd, 18 ta' Mejju 1986**

L-ewwel żjara ta' l-Arċipriet il-Ġdid fil-jiem ta' thejjija saret fiċ-ċentru għat-tfal u ż-żgħażagħ, l-Oratorju Don Bosco. L-Arċipriet ikkonċelebra flimkiien mad-Direttur ta' l-Oratorju Dun Gorg Borg u għamel l-Omelija ta' l-



okkażjoni, li fiha fakkar is-snin li hu dam jgħin f'dan iċ-ċentru kif ukoll irringrazzja lil kull min igħin fil-ġid li qed jagħmlu fil-parroċċa tagħna fost iż-żgħażagħ. Wara membri tal-Kumitat Organiżżattiv tal-Festi tal-Pussess qassmu lil dawk kollha preżenti tifkira. Iktar tard fil-għodu Mons Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Bażilika tagħna fl-okkażjoni ta' Pentekoste.

**It-Tnejn, 19 ta' Mejju 1986**

Matul dan il-jum sar jum ta'adorazzjoni għall-bżonnijiet ta' l-Arċipriet il-Ġdid fil-Knisja ta' l-Adorazzjoni Perpetwa ta'Savina. Offra din il-ġurnata ta'talb ir-rettur stess tal-knisja Mons Arcidjaknu Govanni B. Gauci.



Fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu l-Arċipriet, akkumpanjat minn membri tal-Ladies Society, zar id-djar tax-Xjuħ immexxijin mis-Sorijiet. Huwa żar Trionfi House, St. Dominic's Clinic u d-Dar tas-Sorijiet Karmelitani. L-Arċipriet offra lil dawk miġbura f'dawn id-djar hamper u tifkira tal-pussess.



Fl-4.00 p.m. L-Arċipriet mexxa siegħa Adorazzjoni Komunitarja fil-Knisja ta' Savina għall-parruċċani tagħna u wara l-Barka Sagramentali hu mexxa koncelebrazzjoni flimkien ma' Mons Anton Grech Vella u l-Kan Dun Gwann Mercieca.

Laqgħa sabiħa saret lill-Arċipriet fil-Knisja tal-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini. Fil-quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Arċipriet, kanta l-kor tat-tfal ta' din i l-knisja u fl-omelija li għamel l-Arċipriet irringrazzja lill-Komunità tal-Patrijiet għax-xogħol li huma jwettqu fost il-parruċċani tar-Rabat, xogħol li ilu jsir mijiet ta' snin. Ikkonċelebraw ma' l-Arċipriet il-Kan Dun Gwann Scicluna, il-Kan Dun Nikol Vella Apap, il-Gwardjan Patri Diegu Theuma u l-membri kollha tal-Komunità tal-Patrijiet. Tqassmu lil dawk preżenti tifkiriet ta' l-okkażjoni.

**It-Tlieta 20 ta' Mejju 1986**

Illum kien imiss żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei tas-Sorijiet Dumnikani. Qabel il-konċelebrazzjoni, Mons Arċipriet iltaqa' mas-Sorijiet u



mal-kumitat li jieħdu ħsieb jorganizza attivitajiet pastorali f'dan is-Santwarju. Fil-konċelebrazzjoni ħadu sehem flimkien ma' l-Arċipriet, ir-Rettur Dun Bert Curmi, Mons Anton Grech Vella, il-Kan Dun Nikol Vella Apap u s-saċerdot novell Dun Raymond Vella. Wara l-quddiesa r-Rettur tas-Santwarju Dun Bert Curmi ppreżenta lill-Arċipriet ritratt tal-Madonna ta' Pompei meqjuma f'dik il-knisja.

Illum ukoll, il-Kan Dun Joe Mejlak mexxa Rużarju



Meditat quddiem Ġesù Espost fil-Knisja tad-Dar ta' l-Irtiri 'Manresa House' għall-bżonnijiet ta' l-Arċipriet. Wara li ngħatat il-Barka Sagramentali l-Arċipriet Mons Salv Borg mexxa koncelebrazzjoni li fiha ħadu sehem Patri D. Glavina S.J., il-Kan Dun Joe Mejlak u l-Kan Dun Gużepp Sacco. Il-parruċċani li joqogħdu viċin Dar Manresa attendew bi ħġarhom għal din il-quddiesa.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 1986**

Illum it-tfal ta' St. Francis School tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu flimkien ma' l-għalliema tagħhom taw merħba kbira lill-Arċipriet il-Ġdid. L-Arċipriet megħjjun minn Dun Felic Tabone qaddes għat-tfal ta' din l-iskola u wara tqassmu santi ta' tifkira lit-tfal



kollha. L-Arċipriet ġie ppreżentat rigal mit-tfal ta' l-iskola. Filgħaxija, imbagħad, Mons Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fl-okkażjoni ta' lejlet il-festa ta' Santa Rita fil-knisja tal-Patrijiet Agostinjani. Ħadu sehem fil-konċelebrazzjoni flimkien ma' l-Arċipriet, il-Pirjol Patri Martinjan Cutajar, Mons Anton Grech Vella, Mons Gużeppi Farrugia, il-Kan Gużepp Borg, Dun Effie Masini u l-patrijiet tal-Komunità ta' Agostinjana. Wara l-omelija li fiha semma l-virtujiet sbieħ li bihom kienet



imżejna l-qaddisa ta' Cassia, l-Arċipriet irringrazzja lill-Komunità Agostinjana għax-xogħol li twettaq fost il-parruċċani tagħna. Waqt il-konċelebrazzjoni ħa sehem ukoll il-'Chorus Urbanus' tal-Bażilika tagħna.

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 1986**

Għalkemm it-tfal ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern kienu ġa ltaqgħu ma' Mons Arcipriet fl-okkażjoni ta' l-Eżerċizzi Mqaddsà, illum saret laqgħa speċjali għalihom li fiha l-Arċipriet qaddes fis-sala ta' l-iskola. Hawnhekk l-Arċipriet kien megħjun minn Dun Felic Tabone. Wara l-quddiesa is-Sur Horace Mercieca, il-kap ta' l-Iskola offra rigal lill-Arċipriet f'isem l-għalliema, purtinara, u t-tfal



kollha. F'din il-quddiesa sar kant fuq il-kitarra mmexxi minn Dun Effie Masini. Illum kien ukoll l-Ewwel Ħamis bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ. L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni Solenni fil-Bażilika flimkien mal-Kapitlu u kleru u għamel l-omelija ta' l-okkażjoni.

**Il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju 1986**

Kien imiss illum l-aħħar żjara ta' l-Arċipriet lil skola oħra. Din id-darba l-Arċipriet għamel żjara lill-iskola 'Laura Vicuna' tas-Sorijiet Salezjani fl-Għasri. L-



Arċipriet qaddes għat-tfal kollha ta' l-Iskola miġburin fil-bitħa ta' l-iskola, billi llum kien lejlet il-festa ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara. Wara l-quddiesa Sister Carmelina Pace, Prinċipal ta' l-Iskola ppreżentat rigal lill-Arċipriet. Fil-għaxija l-Arċipriet il-ġdid mexxa konċelebrazzjoni



fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Hawnhekk ukoll l-Arċipriet irringrazzja lill-Komunità Franġiskana għas-sehem siewi tagħha fil-qasam tal-pastorali fil-Belt Victoria fost il-parruċċani tagħna. Flimkien ma' l-Arċipriet ikkonċelebraw il-Gwardjan Patri Dumink Bonello, Patri Bonaventura Camilleri, il-Kan Dun Karm Grech u Dun Gużepp Farrugia.

**Is-Sibt 24 ta' Mejju 1986**

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara l-Arċipriet il-Ġdid Mons Salv Borg qaddes fil-kappella ta' l-Oratorju tas-Sorijiet Salezjani fi Triq ir-Repubblika. Flimkien ma' l-Arċipriet qaddes Dun Gorg Borg. Waqt



il-quddiesa l-Arċipriet bierek diversi domni ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara u wara tqassmu lil dawk kollha preżenti. L-Arċipriet irringrazzja lis-Sorijiet Salezjani għas-sehem kbir tagħhom fl-edukazzjoni tat-tfal u tal-formazzjoni li jagħtu liż-żgħażagħ xebbiet li jattendu l-Oratorju tagħhom.



Fil-għaxija l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni fiċ-Ċentru Pastorali 'Ragħaj it-Tajjeb' taċ-Ċawla. Ikkoncelebraw ma' l-Arċipriet ir-rettur Dun Tarcisjo Camilleri u l-Kan Dun Gwann Gauci. Ħa sehem fil-quddiesa l-kor taċ-Ċentru u wara l-Arċipriet iltaqa' mal-membri lajci li jgħinu fil-ħidma pastorali f'din iż-żona.

**Il-Ħadd, 25 ta' Mejju 1986**

**Ftuħ Solenni tal-Festi tal-Pussess fil-Bażilika ta' San Ġorġ**

Fl-okkażjoni tal-ftuħ solenni tal-festi tal-Pussess fil-Bażilika tagħna l-Arċipriet il-Ġdid mexxa konċelebrazzjoni solenni flimkien mal-Kapitlu u l-kleru. Waqt it-talba tal-fidili saru messaġġi speċjali lill-Arċipriet minn diversi kategoriji tal-komunità parrokkjali. Fl-omelija ta' l-okkażjoni l-Arċipriet semma b'mod speċjali l-armonija u l-għaqda li teżisti fost it-Tliet Persuni tat-Trinità Mqaddsa li għandu jkollha rifless fl-





għaqda li għandha tirrenja fost il-komunità parrokkjali mar-ragħaj spiritwali tagħha.

Fil-għaxija, imbagħad l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Ikkoncelebraw ma' l-Arċipriet Mons



Francesco Azzopardi Mons Prim. Carmelo Scicluna u l-Kan Teologu Dun Gużepp Gauci. Hawnhekk l-Arċipriet ħa din l-okkażjoni biex jirringrazzja lis-sorijiet għas-sehem kbir u l-għajnuna li jagħtu fil-parroċċa tagħna.

**It-Tnejn 26 ta' Mejju 1986**

Fil-Bażilika tagħna Mons Arċipriet illum mexxa konċelebrazzjoni mal-Patrijiet li hawn fil-belt Victoria li għaliha attendew is-sorijiet li għandhom il-kunvent fir-Rabat. Ikkonċelebraw f'din l-okkażjoni ma' l-Arċipriet



Patri Gwardjan Diegu Theuma O.F.M. Kap., Patri Gwardjan Dumink Bonello O.F.M. Konv., Patri Pirjol Martinjan Cutajar O.S.A., u Patri D. Glavina S.J. Ħa sehem f'din il-quddiesa l-Kor 'Chorus Urbanus'.

F'dan il-jum li kien jum ta' tiġdid u Rikonċiljazzjoni Mons arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fil-Bażilika li fiha kien integrat ir-rit penitenzjali. Matul il-funzjoni s-saċerdoti konċelebranti niżlu jamministraw is-sagrament tal-qrar lil dawk kollha li resqu jqerru. Matul din il-quddiesa kanta il-kor 'Laudate Pueri'.

**It-Tlieta, 27 ta' Mejju 1986**

Dan il-jum kien dedikat biex l-insara adulti jagħrfu

aħjar l-impenn tagħhom fil-knisja in ġenerali u b'mod partikolari fil-parroċċa. Fil-għodu Mons Arċipriet qaddes għas-Sorijiet ta' San Vincenz fil-Konservatorju ta' l-Isqof. Wara nofs in-nhar l-Arċipriet il-Ġdid iltaqa' mat-tfal li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof f'dawn l-aħħar tliet snin. Kwazi it-tfal kollha attendew u l-Arċipriet spjega



lit-tfal preżenti xi tfisser il-Griżma ta' l-Isqof u bħala nsara adulti x'inhuma d-dmirijiet tagħna fil-komunità nisranija li fiha ngħixu.

Fil-għaxija Mons Arċipriet Salv Borg, mexxa koncelebrazzjoni flimkien mad-diretturi spiritwali ta' l-Għaqdiet Kattolici fil-Parroċċa. Attendew għal din il-quddiesa d-diriġenti u l-membri ta' l-Għaqdiet kollha. Fl-Omelija li għamel l-Arċipriet ħeġġeġ lill-għaqdiet biex jżidu l-kontribut tagħhom fil-ħidma pastorali tal-parroċċa u rringrazzjahom għat-tagħlim li huma jwasslu lill-kategoriji kollha tal-komunità parrokkjali. Wara li membri ta' l-Għaqdiet wasslu l-offerti fuq l-artal, saru offerti ta' bukketti spiritwali mill-Għaqdiet lill-Arċipriet,









mis-Sur Emanuel Saliba, President Djocesan ta' l-Azzjoni Kattolika, mis-Sur Nazzareno Calleja President tal-Legio Marie, mis-Sur Gużeppi Spiteri Superjur, Muzew tas-Subien u mis-Sinjorina Maria Sacco, Superjura tal-Mużew Bniet. Matul din il-Koncelebrazzjoni kanta l-Kor 'Laudate Pueri'.

**L-Erbgħa 28 ta' Mejju 1986**

Din il-ġurnata kienet dedikata lis-Sagrament ta' l-Għaqda - l-Ewkaristija. Għalhekk matul il-jum sar quddies fid-djar ta' dawk il-morda li ma jistgħux joħorġu, u Mons Arċipriet megħjun minn membri tal-Ladies Society u minn membri tal-Kumitat tal-Promozzjoni Umana, għamel żjara lill-morda u lix-xjuh fl-Isptar Craig. Il-morda u x-xjuh ingħataw tifkira u oġġetti ta' l-ikel.

Wara l-quddiesa komunitarja tal-5.30 p.m. Mons Arċipriet mexxa Vjatku Solenni u fratelli tal-Fratellanza tal-Kurċifiss.



Fil-għaxija Mons Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-Kapitlu u klerub'suffraġjugħall-erwieħ tas-Saċerdoti mejtin tal-parroċċa u tal-membri kollha tal-komunità parrokkjali li ħallew dan il-wied tad-dmugħ. F'din il-quddiesa ħa sehem il-'Chorus Urbanus'.

**Il-Ħamis, 29 ta' Mejju 1986**

Matul dan il-jum li kien jum ta' talb lil San Ġorġ Martri, kif ukoll it-Tieni Ħamis ta' San Ġorġ, il-familji kollha tal-parroċċa ġew mitluba jingħaqdu fit-talb bħala familja u jitolbu l-għajnuna t'Alla permezz ta' San Ġorġ għall-Arċipriet il-Ġdid. Fil-għaxija fl-okkażżjoni tat-Tieni Ħamis, l-Arċipriet Mons Salv Borg mexxa koncelebrazzjoni u għamel l-omelija ta' l-okkażjoni. F'din il-quddiesa ħadet sehem il-Banda Cittadina 'La Stella' li daqqet innijiet reliġjużi fil-waqtiet ewlenin tal-



quddiesa. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni ta' l-Assistent Surmast Mro. John Galea. Il-Bandisti kollha tas-Soċjetà La Stella flimkien mal-Kumitat wara kienu l-mistiedna ta' Mons Arċipriet għal ikla fil-Każin tal-Banda stess.

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 1986**

It-tfal li jattendu ċ-Ċentru Parrokkjali tagħna, flimkien ma' dawk kollha li jmorru fiċ-ċentri tad-Duttrina, attendew għall-quddiesa mill-Arċipriet il-Ġdid fil-Bażilika. It-tfal kienu akkumpanjati mill-katekisti u membri ta' l-Għaqdiet li jieħdu ħsiebhom u Mons Arċipriet ħa din l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-Katekisti għall-paċenzja li jieħdu bit-tfal matul ix-xhur li fihom isir it-tagħlim tad-duttrina. Kull ċentru tad-duttrina ppreżenta lill- Arċipriet bukkett spiritwali. Wara l-quddiesa ġew imqassma ħafna kotba lit-tfal li ġew

imtellgha bix-xorti.
Iktar tard fil-għaxija, il-Kumitat Organizzattiv tal-Festi tal-Pussess organizza Akkademja f'ġieh l-Arċipriet il-Ġdid Mons Salv Borg Prel. D'Onore. Din l-akkademja kienet preseduta mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan. Is-Sur Gorg N. Cassar għamel diskors bl-isem "Il-Bniedem ta' kulħadd", il-Kan Dun Joe Mejląk qara l-poema tiegħu "Pastor Salvivicus" u l-W.R. Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv. S.Th.D. qara d-diskors tiegħu "Ir-Ragħaj u l-Merħla". Iż-żewġ diskorsi u l-poeżija qed jidhru kif inqraw fl-Akkademja f'dan is-suppliment.
Sehem kbir f'din l-akkademja tawh iż-żewġ korijiet tal-parrocca, il-Kor 'Chorus Urbanus' u l-Kor 'Laudate Pueri'. Ta' dan ta' min irodd ħajr lil Mro John Galea Direttur tal-'Chorus Urbanus' u r-Rev Dun Gorg Frendo Direttur tal-kor "Laudate Pueri".



Iż-żewġ korijiet kantaw erba' bċejjeċ mużikali kull wieħed. Il-Kor 'Laudate Pueri' esegwixxa dawn ix-xogħlijiet; 'Ave Maria" ta' J. Arcadelt; "Ave Verum" tal-Wolfgang Amadeus Mozart; "O Salutaris Hostia" ta' L. Perosi u t-"Tantum Ergo" ta' D. Bartolucci. Il-kor esegwixxa dawn ix-xogħlijiet 'a qattro voci'.
Il-'Chorus Urbanus' fetah bl-innu "Deus Tuorum Militum" ta' Mons Gużeppi Farrugia, u wara esegwixxa ix-xogħol ta' Theodore Dubois "Panis Angelicus" bis-



sehem tas-Sopran Mary Galea. Wara dan, il-kor kanta 'Preghiera' mill-opra Mosè ta' Gioacchino Rossini, "Dal tuo stellato soglio", bis-sehem tas-sopran Rosabelle Pavia u tal-Baritonu Charles Vella. Imbagħad il-'Chorus Urbanus' esegwixxa s-Salm CXXXIV "A call to praise the Lord" ta' Mro John Galea bis-sehem tas-solisti u l-kor. Dan ix-xogħol ta' Mro Galea sar għall-okkażjoni tal-ħatra ta' Mons Salv Borg bħala Arċipriet.

**Is-Sibt, 31 ta' Mejju 1986**

Illum fl-okkażjoni tal-festa tal-Viżitazzjoni ta' Marija Santissima, l-Arċipriet mexxa quddiesa b'talb speċjali lill-Madonna fil-bidu tal-missjoni tiegħu fil-parroċċa.
Wara l-Għasar Solenni tal-Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni fost iż-żgħażagħ tal-parroċċa. F'din il-quddiesa mexxa l-kant fuq il-kitarra Dun Effie Masini.
Fil-għaxija l-Moviment Ewkaristiku organizza lejl ta' Adorazzjoni għall-bżonnijiet ta' l-Arċipriet li beda b'quddiesa u ntemm b'quddiesa oħra f'nofs il-lejl.

**Il-Ħadd, 1 ta' Ġunju 1986: JUM IL-PUSSESS**

Fid-9.30 a.m. beda jimmarċja l-korteo minn Triq ir-Repubblika biex wassal lill-Arċipriet il-Ġdid fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Fil-korteo ħadu sehem il-Victoria Scout Group u l-Banda "La Stella" li daqqet marċi ferrieħa matul it-triq sal-Bażilika. Fi pjazza San Ġorġ l-Arċipriet il-Ġdid ġie milqugħ mill-membri tal-Kapitlu u l-Kleru u wara ftit Mons Isqof Nikol Cauchi pprezenta lil Mons Salv Borg iċ-ċavetta tal-bieb prinċipali tal-Bażilika. Mal-ftuħ tal-bieb l-Arċipriet ingħata ovazzjoni kbira kemm mill-folla miġbura fili-pjazza kif ukoll minn dawk ġa preżenti fil-Bażilika. Akkumpanjat mill-Isqof, l-Arċipriet baqa' sejjer fil-kappella tas-Sagrament, waqt li tkanta l-innu "Ecce Sacerdos". Wara flimkien ma' l-Isqof, il-Kapitlu u l-kleru l-Arċipriet ħa postu fuq il-presbiterju. Is-Sur Gorg Said, Segretarju tal-Kumitat Organizzattiv għamel diskors ta' merħba, li qed ikun pubblikat f'dan is-suppliment ukoll. Fil-bidu tal-konċelebrazzjoni pontifikali, li fiha ħadu sehem sittin konċelebrant, il-Kanċellier tal-Kurja, l-Arċipriet Emeritus Dun Ġużepp Borg Attard, qara bil-latin u bil-Malti d-Digriet tal-ħatra ta' Mons Salv Borg bħala Arċipriet. Il-Kanċellier wassal ukoll il-Barka tal-Qdusija tiegħu l-Papa f'messaġġ mingħand in-Nunzju Apostoliku għal Malta l-E.T. Mons P.L. Celata. Imbagħad Mons Kantur Carmelo Sacco, tal-Kapitlu Gorgjan qara l-messaġġ mibgħut mill-Kapitlu ta' l-Arċibażilika tal-Lateran u iffirmat minn Mons Giovanni Battista Proja.



Wara, Mons Arċipriet ġedded il-wegħdiet saċerdotali f'riġlejn l-Isqof Cauchi u qabel il-Vanġelu, bħala parti miċ-ċerimonja tal-pussess, Mons Isqof ta lill-Arċipriet il-Ġdid, il-ktieb tal-Vanġelu, li f'din l-okkażjoni ġie moqri mill-Arċipriet ail-Ġdid nnifsu, Il-Lezzjonijiet tal-quddiesa nqraw mis-Sur Pawlu Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjeta 'La Stella' u mis-Sinjura Maria Zammit, oħt l-Arċipriet il-Ġdid.
Wara l-Omelija minn Mons Isqof, kompliet iċ-ċerimonja tal-pussess billi l-Isqof stess akkumpanja lill-Arċipriet il-ġdid fil-Kappella tas-Sagrament, fil-Konfessjonarju u fejn il-Fonti tal-Magħmudija. Fl-aħħar imbagħad fost il-ferħ tal-parruċċani kollha l-Arċipriet il-ġdid ġibed żewġ tokki tal-qanpiena l-kbira tal-Bażilika. Fi tmiem il-quddiesa Mons Arċipriet Salv Borg għamel diskors li qed jiġi wkoll pubblikat f'dan is-suppliment.
F'din il-Konċelebrazzjoni Pontifikali, li fiha l-Arċipriet Mons Salv Borg ingħata l-pussess bħala Arċipriet tal-Parroċċa Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ, ġiet esegwita l-quddiesa "Mass in D Major" ta' Mro Joseph Vella li mexxa wkoll l-orkestra u l-kor.
Fil-paġni tan-nofs ta' dan is-suppliment qed jidher sett ta' ritratti dwar il-funzjoni u l-Konċelebrazzjoni tal-Pussess.

## ID-DIGRIET TAL-ĦATRA TA' L-ARĊIPRIET



# NICOLAUS JOSEPH CAUCHI

## DEI ET APOSTOLICÆ SEDIS GRATIA EPISCOPUS GAUDISIENSIS

*Dilecto Nobis in Christo, Canonico Sacerdoti Salvatori Borg, salutem in Domino.*

*Cum ad norman Canonis 523, ad Episcopum Diocesanum spectet ius nominandi et instituendi parochos, juxtaque praescriptum cononis 509 ejusdem Episcopi Diocesani sit omnes et singulos conferre canoni tus et Archipresbyteratus Ecclesiae Paroecialis et Collegiatae Basilicae Sancti Georgii oppidi Civitatis Victoriae qui inibi Secunda Dignitas existit et cui adnexa est cura animarum per renuntiationem Ill.mi ac Rev.mi Emanuelis Mercieca, Protonotarii Apostolici ad Instar de mense Februario proxime praeterito secutam vacaverit et vacet ad praesens, Nos praefatarum Dignitatis et Curae Paroecialis Ecclesiae providere cupientes ac te in quadragesimo secundo aetatis tuae anno constitutum, idoneum prudentia, moribus, scientia et aliis a jure requisitis praeditum existimantes, necnon ut ad dictam Paroecialem atque Archipresbyteralem Ecclesiam curam per te ipsum regendam aptum. Nos praedictam curam Archipresbyteralis ac Paroecialis Ecclesiae Sancti Georgii oppidi Civitatis Victoriae cum suis juribus et pertinentiis Auctoritate Nostra Ordinaria tibi conferimus et de illa etiam providemus, firmo Decreto Conferentiae Episcoporum Melitensis de quo in canone 522.*

*Quocirca postquam Professionem Fidei Catholicae juxta forman novam emiseris in manibus Nostris vel Nostri Delegati, Te in veram , realem et corporalem possessionem memoratae Curae Archipresbyteralis et Paroecialis Ecclesiae cum omnibus juribus ac oneribus inducemus.*

*In quorum fidem et testimonium has praesentes per infrascriptum Nostrae Curiae Cancellarium fieri et registrari jussimus subscriptione Nostra Nostrique sigilli impressione munitas.*

*Datum Victoriae die 28 Maji 1986*

Lill-Maħbub fi Kristu
l-Kanonku Dun Salv Borg,
b'xewqat tajba fil-Mulej.

Billi skond il-Kanoni 523 is-setgħa li jaħtar u jagħti l-uffiċċju ta' Kappillani tmiss lill-Isqof tad-Djoċesi u skond ma jippreskrivi l-Kanoni 509 l-istess Isqof Djoċesan għandu d-dritt li jagħti lkoll kemm huma l-Kanonikati u billi l-Arċipretura tal-knisja Parrokkjali u Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ tal-Belt Vittorja, li hija t-Tieni Dinjità fl-istess knisja u magħha hija marbuta l-**kura tal-Erwieħ, bir-rizenja tal-Ill.mu u Rev.mu** Mons. Dun Manwel Mercieca Protonotarju Apostoliku ad Instar li seħħet fix-xahar ta' Frar li għadda vakat u għadha sa issa vakanti, Aħna nixtiequ nimlew dik id-Dinjità u l-Uffiċċju tal-Kura Pastorali ta' l-imsemmija Knisja Parrokkjali, Lilek li għandek tnejn u erbgħin sena u fil-fehma Tagħna, inti adattat minħabba l-prudenza, l-kostumi tajba, t-tagħlim u kwalitajiet oħra skond il-liġi u għalhekk kapaċi li tmexxi l-imsemmija knisja Parrokkjali u Arċipretali, bl-Awtorità Tagħna ordinarja, nafdaw il-kura msemmija hawn fuq tal-Knisja Arċipretura u Parrokkjali ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria u nagħtuha Lilek bid-drittijiet tagħha u b'dak kollu li għandu x'jaqsam magħha waqt li jibqa'mħares id-Digriet tal-Konferenza Episkopali Maltija msemmi fil-Kanoni 522.

Għalhekk, wara li tkun għamilt l-Isqarrija tal-Fidi Kattolika skond il-forma l-ġdida, quddiemna jew quddiem id-Delegat Tagħna, Aħna nagħtuk il-Ħatra vera, reali u korporali tal-kura Arċipretali u Parrokkjali tal-knisja msemmija bid-drittijiet kollha tagħha.

Bħala penn u xiehda ta' dan kollu, ordnajna li dan id-Digriet iffirmat minna u mogħni bis-siġill Tagħna jsir mill-Kanċillier tal-Kurja Tagħna u minnu jkun irregistrat.

*Mogħti fil-Belt Vittorja*
*Illum 28 ta' Mejju 1986*

Joseph Borg Attard

**Cancellarius**

***Ġużeppi Borg Attard***
*Kancellier*




+ Nicolaus I. Cauchi

**Episcopus Gaudisiensis**

***Nikol Ġużeppi Cauchi***
***Isqof ta' Għawdex***

# *PASTOR SALVIVICUS*



*Kan. Joe Mejlak*

Mis-sema safi daqs in-nida friska
li tmelles kull fil-għodu fomm il-fjuri
u qisha omm mill-ġdid il-ħajja 'ttihom;
fis-skiet ta' lejl qaddis - il-lejl tal-paċi -
li mliet qlub il-bnedmin ta' rieda tajba,
feġġet tħassel id-dija stilla rżina
li ħabbret lill-ħolqien il-miġja mbierka
tas-Salvatur- Feddej tal-bniedem ħajjen.

Id-dinja issa straħet waqt li ferħet
għax kien tweldilha Ragħaj li bħala merħla,
itterraq u tissara, tgħum u taqdef
fil-ħalel għolja li għal drabi b'ħalfa
xtaqu li jibilgħuha w jeqirduha,
jagħraf bid-dehen u l-għaqal imexxiha
bl-imħabba w l-għożża fil-mergħat ta' dejjem
fejn hemm isaltnu biss is-sliem u l-hena.

Ir-Ragħaj it-Tajjeb ġewwa ħdanu jiġma'
in-ngħaġ u l-ħrif li mill-ilpup ħattafa
bil-ħeffa jiskartaw, u lilhom jeħles
minn ħalq il-mewt li sa minn awl id-dinja
riedet bil-minġel tagħha lkoll taħsadhom.
U r-Ragħaj, għax daqs id-dawl t'għajnejh iħobbhom,
sa l-aħħar qatra demm minn ġismu jċarċar
u mit-telfien jeħlishom waħda waħda.

Għaddew mijiet ta' snin, u s-sema safi
li dak il-lejl kien jistor fih u jbennen
fis-skiet ġo nagħsa ħelwa d-dinja tagħna,
mill-ġdid qed nilmħu jħassel stilla oħra
li qajla qajl, bil-mod, qed tersq sewwa
bla ma jfixkilha xejn, lejn l-art Għawdxija.
U f'daqqa mielet rasha biex ttawwal
jew tara fejn hi sejra. U bħal min jieqaf
hekk kif ma' wiċċu jsib salib it-toroq,
ukoll għal ftit ħin waqfet dik l-istilla
bħal min ħusbien ried jagħżel trejqa tajba
li twasslu fejn ired jasal mingħajr dnewwa.
U bqajt inħares lejha b'qalbi ttaqtaq
għax bżajt li terġa' ddur jew tibqa' sejra;
'mma wara ftit waqtiet reġgħet bdiet miexja
did-darba iżjed lil hawn, iżjed qrib lejja,
u jien issuktajt ngħarrex b'ħerqa kbira
sa ma nar'ha bil-ħeffa nieżla tiġri
u tasal kollha dawl fil-Belt Victoria.

Bqajt qiesni mitluf f'ħolma nħares lejha,
issa kemmkemm tiċċaqlaq, u b'xuxitha
tmelles dil-belt li laqgħet ġewwa ħdanha
il-Maqdes ta' San Ġorġ, Martri ta' Lidda,
fejn baqgħet dieħla dlonk l-istilla tiddi
u ddawwal fis kull rokna ta' dat-tempju -
mimmi t'għajnejna, ġawhra ta' dil-gżira.

Fis-sitta w għoxrin jum ta' Frar setagħni,
fost l-ilħna bla waqfien tal-qniepen ħelwa,
f'leħha ta' ħerqa ġriet mal-Belt Victoria
l-aħbar illi l-Parroċċa-Kolleġġjata-
Bażilika ta' San Ġorġ għandha jmexxiha
Arċipriet ġdid, magħruf u maħbub sewwa -
Kanonku Dun Salv Borg, ħabib ta' ġewwa.

Kien feġġ ragħaj ġdid li jrid imexxi b'għaqal
il-merħla f'ulied Ġorġi w lilha jagħti
il-ħajja li twassalha għand Kristu sidha
fid-dwejra fejn hemm jgħammru s-sliem u l-hena;
u jekk meħtieġ, għaliha jagħti ħajtu
kif għamel darba r-Ragħaj-Salvatur qablu.

Fil-Maqdes ta' San Ġorġ, bi ħġaru l-lejla
il-poplu Ġorġjan kollu ngħabar f'daqqa
biex jagħti merħba u mill-qalb isellem
lil Dun Salv Borg, ir-Ragħaj-Salvatur tiegħu -
iben dak it-Tribun tal-Kappadoċja.
Festa mill-aqwa ta' mixegħla shiha,
ilwien qawwija hierġa minn kull rokna,
fwejjaħ ma jaqtgħu xejn ta' fjuri mbalzma,
għanjiet ħelwin ħerġin minn qlub ferħana.
Il-lejla, magħqudin, ħallejna djarna,
ħallejna l-ħbieb, ħallejna x-xogħol, is-sahra,
u nġbarna hawnhekk f'dil-ġenna ta' l-art tagħna,
imħeġġa, ħerqanin, fil-ħsieb annuna.

Jekk tħarsu 'l fuq taraw dehra tal-Ġenna:
hemm Anġli sbieħ, libsin is-safa, rżina;
l-Appostli ta' Ġesù, sisien tal-Knisja;
is-Santi Padri u l-għalliema l-oħra;
Papiet u Slaten li ta'Ġorġi tagħna
lissnu l-isem qaddis kull waqt, bil-qima.
Imirħu ftit waraw kull fomm iwelled
tbissim ma jitfissirx ta' hena w sliema
waqt li flimkien jifirxu jdejhom f'daqqa
u jitfgħu fuq Dun Salv il-barka tagħhom.

Fost dan il-ferħ, mill-ġenna nieżel jikwi
ferħ ieħor ta' żewġ qlub li ħabbtu f'daqqa
sabiex minn imħabbithom jagħtu l-ħajja

# Diskors mill-Arċipriet il-Ġdid fi tmiem l-Akkademja f'Ġieħu Il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 1986



Eċċellenza Reverendissima,
Reverendissimi Sinjuri,
Sinjuri,

Nixtieq l-ewwelnett inrodd ħajr lilek Eccellenza Reverendissima talli għoġbok tonorana bil-presenza tiegħek għal din l-Akkademja li qed ssir fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħi bħala Arċipriet il-Ġdid tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Nirringrazzja ukoll lill-Wisq Reverendi Monsinjuri, Kanoniċi, u saċerdoti li aċċettaw l-istedina li saritilhom u llum ġew jifirħu miegħi f'din l-okkażjoni.

Nirringrazzja ukoll lilkom, sinjuri: il-presenza tagħkom hawnhekk il-lejla timlieni bil-kuraġġ, għax tfissirli li għalkemm tqila hija l-missjoni li sibt fuq spallejja, iżda hemm intom, li bit-talb tagħkom, bil-presenza tagħkom u bil-għajnuna tagħkom tgħinuni nerfa' l-piż ta' din il-missjoni.

Nixtieq nirringrazzja ukoll liż-żewġ kelliema, is-Sur Gorg Cassar u lil-W.R. Patri Bonaventura Camilleri taż-żewġ diskorsi sbieħ u ta' livell għoli li tawnha il-lejla, kif ukoll lill-Kan. Joe Mejlak tal-poeżija tiegħu.

Nirringrazzja wkoll liż-żewġ korijiet tal-Bażilika tagħna il-Chorus Urbanus u l-Laudate Pueri tas-sehem kbir li huma taw biex din l-akkademja tal-lejla tilħaqq il-livell li laħqet. Żewġ korjiet li jagħmlulna unur kull fejn jiġu mistiedna sabiex ikantaw; naturalment nirringrazzja liż-żewġ diretturi tal-korijiet: Mro. John Galea u Dun Gorg Frendo.

Irrid ninqeda wkoll b'din l-okkażjoni tal-lejla biex inrodd ħajr lill-membri kollha li ffurmaw il-kumitat organiżżattiv għal dawn il-festi. Ilkoll ħadmu, taw is-sehem tagħhom biex din l-okkażjoni tibqa' tissemma' u tħalli l-frott kotran fost l-oqsma kollha tal-komunità parrokkjali tagħna.

Ma' dawn irrid inżid ukoll lis-saċerdoti sħabi, lill-Kapitlu Ġorġjan li matul dawn il-ħmistax-il ġurnata ħadu sehem, u sehem attiv, f'kull attività li saret kemm fil-knisja tagħna kif ukoll fil-knejjes u postijiet li jiffurmaw parti mill-parroċċa ta' San Ġorġ.

L-aħħar ringrazzjament lilkom ilkoll, għeżież membri tal-komunità parrokkjali Ġorġjana. Kontu intom li ġejtu bi ħġarkom, u ħadtu sehem f'kull funzjoni li saret.

Din il-koperazzjoni kollha inħossha timlieni bil-kuraġġ. Ix-xogħol li rridu nwettqu mhux ħafif, iżda meta jkun hemm daqstant għajnuna, komprensjoni u fiduċja, kollox jista' jintlaħaq. J'Alla l-klima ta' issa tibqa' għaż-żmien li ġej.

L-Arċipriet ta' Parroċċa jrid jara li jkun l-Għalliem tal-Kelma ta' Alla. Il-vuċi tiegħu trid tinstema' tgħajjat 'il fuq mill-ilħna li jtarrxu u jistordu lill-bniedem fid-dinja ta' żmienna. L-Arċipriet għalhekk irid isib il-mezzi kollha biex f'kull waqt, u f'kull post tixxandar il-Kelma t'Alla biex il-poplu afdat f'idejh jitmantna b'dan l-ikel li jagħti s-saħħa.

L-Arċipriet ta' Parroċċa huwa wkoll il-Ministru tal-Grazzja sagramentali u tal-Liturġija. Irid iħabrek sabiex il-parruċċani kollha jibbenefikaw mill-grazzji kollha li jixxerrdu fuqhom permezz tas-sagramenti. Allura irid jagħmilhom konxji tal-ħaġa. Irid jara wkoll li l-Liturġija ssir sewwa u li permezz tagħha l-bniedem jersaq iżjed lejn Alla.

L-Arċipriet tal-Parroċċa hu wkoll il-Missier u r-Ragħaj. Missier ta' kulħadd, li jħobb, jagħder, jaħfer, jilqa' u jgħin lil uliedu kollha mingħajr eċċezzjoni. Huwa r-Ragħaj li jissagrifika kollox għall-ġid tal-merħla afdata f'idejh, sabiex iressaqha lejn mergħat tajba u lejn nixxiegħat ta' ilma bnin.

Din hi l-missjoni li jiena ġejt mistieden naċċetta. Din hi l-missjoni li ġiet afdata f'idejja. Bil-għajnuna t'Alla u tal-Verġni Marija, bil-għajnuna u l-protezzjoni tal-Kbir Martri ta' Kristu San Ġorġ, kif ukoll bit-talb u bil-koperazzjoni tagħkom ilkoll, jiena ċert li jirnexxielna nifhmu iżjed li aħna membri ħajjin fil-Knisja, u li permezz tagħha nilħqu l-iskop ta' l-esistenza tagħna: dik li nsiru qaddisin.

---

## IOANNES PAVLVS II PONT. MAX.

DILECTE FILI, SALVTEM ET APOSTOLICAM BENEDICTIONEM.

PRECES AD NOS ADMOTAS LIBENTI BENIGNOQVE ANIMO EXCIPIENTES, VT SINGVLARIS IN TE BENEVOLENTIAE NOSTRAE TESTIMONIVM PVBLICE EXHIBEAMVS QVIPPE CVM DE CATHOLICAE REI PROFECTV ATQVE INCREMENTO NON VNO SIS NOMINE BENE MERITVS, TE

*Salvatorem Borg*
*e Dioecesi Gaudiensi*

NOSTRVM PRAELATVM HONORARIVM

ELIGIMVS, FACIMVS AC RENVNTIAMVS

TIBI IDEO PRIVILEGIA, HONORES, PRAEROGATIVAS CONCEDIMVS, QVAE EX INSTRVCTIONE «VT SIVE» SECRETARIAE STATVS SEV PAPALIS CVM HAC DIGNITATE SVNT CONIVNCTA.

DATVM ROMAE, APVD S. PETRVM, DIE *X Maii MCMLXXXVI*

# Diskors ta'
# L-E.T. Mons Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu ta' San Ġorġ fl-Akkademja f'ġieħ l-Arċipriet il-Ġdid, Il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 1986.



Il-preżent m'huwiex ħlief il-punt ta' kuntatt bejn il-passat u l-ġejjieni. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-ħajja tal-bniedem qisha xmara; dejjem miexja, dejjem miexja; qatt m'hija wieqfa. Wieħed filosfu griek, jidhirli li kien Eraklitu, u dawn il-filosfi huma ċerti nies kurjużi, darba fettillu jaħsel siequ fix-xmara u qal "Taf li lanqas niżżilt sieqi darbtejn fl-istess xmara għax sedanitant l-ilma laħaq għadda, laħaq mexa." Allura dak ifisser li dak kien ilma ġdid. Din hi l-ħajja, dejjem miexja. Il-preżent jaħarbilna. Nistennew il-ġejjieni u minnufih nintebħu li dak il-ġejjieni mhux biss sar preżent, imma sar passat.

Il-lejla iltqajna hawn biex nieħdu sehem fil-festi u ċelebrazzjonijiet li qed isiru fl-okkażjoni tal-ħatra tal-Kan Salvu Borg bħala Arċipriet ġdid. U bir-raġun illi nifirħu, li din il-parroċċa hekk importanti għandha arċipriet żgħażugħ, Monsinjur Dun Salv Borg, li lest jiddedika l-intelliġenza, it-talenti, l-enerġija, u l-ħin tiegħu għall-ġid spiritwali tagħkom. Però ma rridux nieqfu fil-preżent. 'Il-preżent mhux biżżejjed. Irridu nitfgħu ħarsa wkoll lejn il-passat. U rridu nitfgħu ħarsa, u ħarsa li tibqa', lejn il-ġejjieni.

Il-Passat: ma rridux ninsew illi l-istorja mhux illum qiegħda tibda, fl-1986. Kien hemm ħafna qabilna, illi ħadmu, ħabirku u batew. Il-passat jistħoqqlu r-rispett tagħna. Hemm bżonn illi niftakru, u b'sens ta' gratitudni f'dawk is-saċerdoti, li ma kienux ftit, illi ħadmu biex itellgħu isebbħu, u jorqmu dan it-tempju, din il-knisja, hekk sabieħa. Il-qassisin li ddedikaw ruħhom għax-xogħol pastorali. Ix-xogħol pastorali, ħafna drabi, huwa xogħol moħbi li jintebaħ bih Alla biss. Jiena, bħalissa, qed niftakar biss fl-aħħar tliet arċipreti. Tajjeb li nsemmihom, anke biex minn qalbna nroddulhom ħajr u nitolbu lill-Mulej Alla għalihom kif inhu dmirna. Dawn huma l-Arċipriet Alfons Maria Hili, l-Arċipriet Mikiel Cefai u anke l-Arċipriet Emeritu Monsinjur Emanuel Mercieca. Tajjeb illi jkollna dan is-sens ta' rikonoxxenza lejn dawk li ġew qabilna u li napprezzaw it-tajjeb li ħallewlna, li ma hux ftit, anzi li huwa ħafna.

Imbagħad importanti wkoll, illi nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn il-ġejjieni. Arċipriet ġdid bilfors li jħares lejn il-ġejjieni, li jħares lejn il-futur. Hemm bżonn li jidħol għal dan ix-xogħol b'qalbu mimlija bit-tama. Hemm potenzjal kbir, u dan il-potenzjal hemm bżonn li jiġi attwat, użat. Intqalu ħafna affarijiet sbieħ fuq il-kappillan, fuq minn għandu t-treġija ta' l-erwieħ. Jien nixtieq inżid ħaġa waħda żgħira. Il-kappillan fl-aħħar mill-aħħar huwa wkoll l-artist. Minn għandu r-responsabiltà tat-treġija ta' l-erwieħ jeħtieġ li jkun ukoll artist. Artist x'ifisser? L-iskultur, per eżempju, minn blokka rħam, joħroġlok statwa, imma l-irħam jibqa' rħam, imma għandu mpressa fih il-forma li jagħtih l-artist, l-iskultur. Hekk ukoll pereżempju, pittur li jinqala', minn biċċa tila bajda, b'dawk is-seba' kuluri li huwa juża, u jżewwaq u jorqom joħroġ xi ħaġa illi hija espressjoni tar-ruħ tal-bniedem, xi ħaġa nobbli, li fija messaġġ minn bniedem għall-bniedem ieħor. Għalhekk mela l-kappillan, fuq kollox għandu jkun artist, jipprova jiskopri l-potenzjal u jiżviluppah.

Jiena nixtieq lill-Arċipriet il-Ġdid nawguralu biex iħares lejn il-ġenerazzjonijiet il-ġodda; it-tfal, iż-żgħażagħ, il-miżżewġin ġodda. Hemm ħafna li huma lesti jikkoperaw miegħu sabiex flimkien huma jaħdmu għall-formazzjoni nisranija tagħhom. Ma naqtgħux qalbna. Id-diffikultajiet huma kbar, imma aktar ma jkunu kbar id-diffikultajiet, iktar għandna nsaħħu r-rieda tagħna biex il-pjan t'Alla nwettquh. Għal kull bniedem Alla għandu programm ta' ħajja. Irridu niskopru x'inhu l-programm illi Alla ħejja għalija, u mbagħad bil-kuraġġ kollu rridu nipprova nwettaq dan il-programm. Hekk ukoll naħseb jien fil-ħajja ta' dan l-Arċipriet il-Ġdid. Alla żgur ippreparalu programm, programm mimli, programm imżewwaq, programm li jiġbor fih ħafna attivitajiet. Issa huwa d-dmir ta' dan l-Arċipriet il-Ġdid, dejjem bil-koperazzjoni tagħkom u tas-superjuri tiegħu, illi bil-mod il-mod jiskopri dan il-pjan t'Alla u jwettqu, jekk jista' jkun sa l-inqas dettalji. Jiena għandi fiduċja kbira mhux biss fil-ħidma illi jwettaq dan l-Arċipriet, hawn fil-parroċċa tagħkom, imma għandi fiduċja kbira anke, fil-koperazzjoni li sejrin tagħtuh intom; bil-koperazzjoni li huwa sejjer isib fikom, sewwa membri tal-kleru u sewwa lajċi. Imma ma ninsewx illi aħna, it-tama tagħna fuq kollox u qabel kulħadd inqiegħduha f'Alla. Għalhekk jiena nitlob, u nistieden lilkom titolbu, biex Alla l-Imbierek, bl-interċessjoni tal-Madonna u tal-glorjuż protettur tagħna San Ġorġ Martri, jagħti l-għajnuniet kollha li jeħtieġ lil dan l-Arċipriet il-Ġdid u jmexxih il-quddiem fil-ħidma tiegħu tul ħajtu kollha.

*Ikun imfaħħar Ġesu Kristu.*

# Omelija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, fil-Quddiesa tal-pussess Il-Ħadd, 1 ta' Ġunju 1986



Għeżież Ħuti u maħbubin Uliedi,

Il-missjoni ta' Kappillan għal dawk li għandhom il-fidi nisranija, hija missjoni nobbli u qaddisa. Biżżejjed nikkwota lil San Ġwann Grisostmu li jgħidilna: **Ars artium regimen animarum** - l-aqwa arti hija t-tmexxija ta' l-erwieħ. Nistgħu ngħidu elf ħaġa fuq il-pastorali, fuq il-kura ta' l-erwieħ, fuq il-ħidma tal-kappillan u tar-rgħajja spiritwali. Tista' tieħu ħafna u ħafna ħin biex tispjega kemm hi sabieħa u nobbli l-missjoni ta' kappillan. Però jiena niġborha fi tliet kelmiet, li neħodhom mill-Vanġelu ta' llum.

X'Għamel Ġesù li fl-aħħar mill-aħħar kien l-aqwa ragħaj ta' l-erwieħ? L-aqwa Isqof? L-aqwa kappillan? San Luqa jgħidilna "kien ikellem lill-folol, ifejjaq il-mard li kellhom u mbagħad għamel miraklu biex temgħahom".

Allura l-missjoni tal-Kappillan niġbruha fi tlet verbi:

- Il-Kappillan ikellem lill-poplu;
- Il-Kappillan ifejjaq spiritwalment;
- Il-Kappillan jagħti ukoll ikel spiritwali.

**L-ewwelnett JITKELLEM:** u jitkellem ma jfissirx li jitkellem hu biss. Mhux biex iwiddeb, iwissi u jinkoraġġixxi biss. Imma anke biex jisma'. Anke biex ikun jaf x'inhuma l-ħtiġijiet spiritwali u mhux biss spiritwali tal-poplu afdat f'idejh. U l-Kappillan jitkellem ma' kulħadd, anke mat-tfal iż-żgħar, għax xi darba tistgħaġeb, anke minn fomm ta' tifel jew tifla żgħira, tisma' xi ħaġa li tolqtok u timpressjonak.

**IFEJJAQ:** Imma ix-xogħol ta' Kappillan mhux jitkellem biss, imma anke jfejjaq. Bil-kelma fejqan aħna nifhmu, il-maħfra tad-dnubiet. Il-Kappillan jassolvi, jagħti l-assuluzzjoni, jamministra s-sagrament tal-qrar. Imma hemm fejqan ieħor, illi tajjeb li l-Kappillan jiftakar fih: jista' jkun hemm ċerta suxxettibilità, ċerta sensibilità, ċerti qlub li jkunu maqtugħa minħabba xi ħaġa u l-kappillan irid jagħraf isib il-balzmu li jdewwi u jfejjaq. Fl-Iskrittura Mqaddsa nsibu: **"Responsum ollis frangit iram"** - tweġiba mogħtija bil-ħlewwa ħafna drabi tfarrak l-għadab u l-korla - allura tajjeb li l-Kappillan ikollu ukoll din is-segħta kbira li jagħraf ifejjaq l-erwieħ, mhux biss billi jassolvi id-dnubiet, imma, anke bil-kalma u l-paċi lil min ikun qiegħed fid-diffikultà.

**JITMA:** Fl-aħħarnett l-kappillan għandu jitma' spiritwalment lill-merħla afdata f'idejh. Għandna l-Ewkaristija! Ma nistgħux nifirdu il-missjoni ta' Kappillan mill-Ewkaristija Mqaddsa. Dan huwa r-rigal fuq ir-rigali kollha li s-saċerdot katoliku joffri lill-insara. Iżda barra minn dan il-manteniment Ewkaristiku, il-Kappillan imantni ukoll lill-erwieħ billi huwa jwasslilhom it-tagħlim ta' Kristu, it-tagħlim ġenwin, it-tagħlim ortodoss, it-tagħlim rivelat minn Alla u li Ommna l-Knisja Mqaddsa tipproponielna.

Dawn huma, maħbub Monsinjur Dun Salv Borg, it-tliet affarijiet li trid tagħmel int, dment li għandek f'idejk din ir-responsabilità ta' Arċipriet, ta' Kappillan. Hemm bżonn titkellem u l-kelma tiegħek tkun kelma mimlija għerf, kelma li twassal id-dawl, kelma li tikkomunika ma' l-oħrajn.

Hemm bżonn li tfejjaq. Hemm bżonn ukoll li tmantni lill-erwieħ afdati f'idejh. Aħna smajna id-dikjarazzjonijiet ta' dawk li wegħduk il-lealtà tagħhom, il-koperazzjoni tagħhom u anke it-talb tagħhom. Jiena għandi fiduċja li, mhux biss il-kleru, imma wkoll il-lajċi ikunu għalik ta' għajnuna kbira, tul il-ħidma tiegħek bħala l-Arċipriet ta' din il-Parroċċa. Aħna smajna wkoll kemm il-Madonna fis-sema, kemm San Ġorġ, Patrun ta'din il-Parroċċa, illi lesti biex jagħtuk l-għajnuna tagħhom. Għandu jkollna fiduċja kbira fl-għajnuna t'Alla u fl-għajnuna tal-qaddisin.

U la darba dan huwa hekk, x'jonqos ngħidlek iktar, hlief dak li qal Ġesù lil Pietru: **"Duc in alto"** - oħroġ il-barra, mexxi d-dgħajsa tiegħek f'baħar iktar wiesa w iktar fond. Il-baħar tal-pastorali huma kbir - xi darba jkun imqalleb u xi darba jkun kalm. Imma aħna is-suċċessuri tas-sajjieda li għażel Kristu jkollna tama u fiduċja kbira li bil-għajnuna t'Alla l-ħidma tagħna tagħti l-frott tagħha.

*Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu.*



*Il-Banda 'La Stella' fi Triq ir-Repubblika qed twassal lill-Arċipriet il-Ġdid sal-Bażilika ta' San Ġorġ, f'Jum il-Pussess il-Ħadd 1 ta' Ġunju 1986*

# Diskors ta' l-Arċipriet il-Ġdid fi tmiem il-Quddiesa tal-Pussess Il-Ħadd, 1 ta' Ġunju 1986



Eċċellenza Reverendissima,
Ħuti fis-Saċerdozju,
Ħuti f'Ġesù Kristu:

F'dan il-mument hekk importanti, meta l-mexxej spiritwali tad-Djoċesi tagħna stedinni biex inkellimkom, lilkom ilkoll li nġbartu madwari f'dan il-jum hekk sabiħ, jiena nħoss ruħi aktarx kommoss u eċċitat.

Bħalissa qed inxebbaħ lili nnifsi ma' Mosè, mexxej tal-Poplu Lhudi, meta wieqaf quddiem il-Mulej, sema' l-istedina t'Alla li kien ser jibagħtu għand il-Fargħun, biex joħroġ lil ulied Iżrael mill-Egittu. Dak in-nhar Mosè, temtem u qal: "Min jiena jien, biex immur quddiem il-Fargħun u noħroġ lil ulied Israel mill-Eġittu?"

Jiena ukoll inħossni bla ħila, quddiem il-missjoni li ġiet afdata f'idejja, u bħal Mosè ntenni: "Min jiena jien li ġejt magħżul biex immexxi din il-parroċċa u nwassal lill-membri tagħna sa l-għola quċċata biex fuqha nqimu lil Alla tagħna?"

Alla Setgħan kien wieġeb dak in-nhar: lill-Mosè u qallu: "Ara jiena miegħek". L-istess kelma ta' kuraġġ nħossha tidwi f'widnejja dalgħodu: il-vuċi t'Alla nħossha tagħmilli l-ħila u tgħidli: **"Ara jiena miegħek,"** u żżid jgħidli l-istess kelmiet li qal lil Mosè: **"Jiena inkun fuq fommok u ngħallmek x'għandek xi tgħid".**

U x'messaġġ nista' nwasslilkom llum, għeżież tiegħi?

Il-Festa ta'llum, il-festa ta' Corpus, il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù, tqegħidli quddiem għajnejja post importanti, qaddis li fih seħħew ġrajjiet liema bħalhom. Dan hu iċ-ĊENAKLU, il-kamra ta' fuq, dik il-kamra magħżula u xxurtjata li fiha l-Imgħallem Divin waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija Mqaddsa u s-Saċerdozju Kattoliku.

Iċ-ĊENAKLU huwa dan il-post li fih seħħew żewġ ġrajjiet: l-aħħar laqgħa ta' Ġesù ma' l-appostli tiegħu qabel ma' miet, u l-ewwel laqgħa ta' l-Ispirtu s-Santu ma' l-Appostli wara li Ġesù tela' is-Sema. Żewġ ġrajjiet, 'il bogħod minn xulxin, iżda li għandhom l-istess messaġġ: il-messaġġ ta' l-imħabba u l-għaqda.

Fl-ewwel episodju, jiġifieri l-aħħar laqgħa ta' Ġesù ma' l-Appostli qabel ma miet, niltaqgħu mal-messaġġ ta' mħabba. Ġesù l-Imgħallem, u l-Mulej, li ħabb lil tiegħu, u ħabbhom s l-aħħar, jinżel quddiemhom u jaħslilhom riġlejhom. Servizz umli, mili b'imħabba lejn dawk li hu stess kien għażel biex fuqhom huwa jibni l-Knisja tiegħu. Mhux biss, iżda jitlobhom bil-ħerqa: **"Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien,** u wkoll: **"Minn dan jagħrfukom li intom tiegħi: billi tħobbu lil xulxin".**

F'dan l-istess episodju, jitfaċċa wkoll element ieħor kbir: l-unità, l-għaqda sħiħa li Kristu xtaq li ssaltan fost l-appostli tiegħu. Hekk talab lill-Missier: **"Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa waħda bħalna".** (Ġw. 17, 11) u żied jitlob u jgħid: **"Kif inti fija, Missier u jien, Fik, ħa jkunu huma waħda ħaġa waħda għal kollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni".** (Ġw. 17, 21)

Imħabba u unità: unità u mħabba: iż-żewġ sisien li xtaq Ġesù li l-appostli tiegħu u dawk kollha li jimxu warajh jinbnew fuqhom.

U nistgħu ngħidu li x-xewqa ta' Ġesù seħħet minnufih. Fit-tieni episodju li semmejna, jiġifieri l-ewwel laqgħa ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema, jerġgħu jitfaċċaw dawn iż-żewġ elementi: l-imħabba u l-unità.

Naqraw fl-Atti ta' l-Appostli, kapitlu 2 li nhar Għid il-Ħamsin fil-waqt li l-appostli kienu miġbura flimkien fil-kamra ta' fuq, instema' ħoss bħal ta' riħ qawwi li mela d-dar kollha fejn kienu qeg ħdin. U dehrulhom ilsna ta' nar. Forsi n-nar mhux is-simbolu ta' l-imħabba. L-ispirtu ta' l-imħabba kien niżel fuqhom u ippossedihom. Imtlew bl-imħabba li bidlithom verament f'appostli kif ried Ġesù.

Fl-istess Atti ta' l-Appostli naqraw li dawn l-appostli kienu fiċ-Ċenaklu miġbura flimkien. Jgħidilna San Luqa li kienu lkoll **"qalb waħda fit-talb u fil-qsim tal-ħobż."** Kienu qalb waħda: kellhom unità, għaqda sħiħa bejniethom li mliethom bil-kuraġġ u żammithom maqgħudajistennew l-miġja ta' Ruħ il-Qodos.

Għeżież parruċċani: dan hu l-messaġġ li joħroġ miċ-Ċenaklu: u dan il-messaġġ nixtieq nagħmlu tiegħi, f'din l-ewwel laqgħa tiegħi magħkom, bħala l-Arċipriet il-Ġdid tal-parroċċa maħbubħ tagħna ta' San Ġorġ. Din hija l-mira li nixtieq li lkoll kemm aħna nilħqu: l-imħabba u l-għaqda; l-għaqda u l-imħabba. Fuq dawn iż-żewġ kolonni nibnu l-ħajja tagħna.

Imħabba lejn kulħadd: lejn l-anzjani u l-morda tal-parroċċa. Lejn dawk li mgħobbija bis-snin jaħdmu u batew għal din il-parroċċa tagħna. Lejn dawk imsammra mas-sodda tal-mard, biex ma jħossuhomx minsija u abbandunati.

Imħabba lejn il-miżżewġin tal-parroċċa: lejn dawk li jiffurmaw il-familji tagħna, biex inkunu nistgħu ngħinuhom jerfgħu l-piż li huma qed iġorru fuq spallejhom.

Imħabba lejn iż-żgħażagħ tagħna: huma jeħtieġu l-imħabba, iridu l-imħabba, kapaċi jgħixu bl-imħabba, u aħna nistgħu u għandna nagħtuhielhom.

Imħabba lejn it-tfal ċkejknin tagħna. L-innoċenza u s-safa tagħhom jistgħu jiġu mħarsa permezz ta' l-imħabba u l-għożża u d-dedikazzjoni sħiħa li jgħinuhom

*jitkompla p. XX*

# *MESSAĠĠ MILL-KAPITLU TA' L-ARĊIBAŻILIKA TAL-LATERAN*

Laterano 26/V/86

*Revmo confratello,*

*Il Capitolo Lateranense è vicino a li nel giorno di presa di possesso della arcipretura di S. Giorgio in Gozo. I legani di Fede e di affetto che ci legano da tanti anni, trovano in questa occasione la possibilità di rinsaldarsi e ravvivarsi.*

*Alcuni di noi, il sottoscritto in modo speciale, ricordano le spirituali emozioni di fronte alle esplosioni di Fede della popolazione di Gozo per la festa del Santo patrono. Come anche ricordano il bel santuario della Assunzione della B. Vergine, "Ta Pinu".*

*Noi tutti, con grande cordialità, vogliamo augurare alla S.V. un lieto inizio della sua missione, grandi frutti spirituali per tutta la sua durata, consolazioni abbandonati della divina grazia. La Vergine ssma e S. Giorgio le siano sempre vicini e la conducano per mano in ogni iniziativa che lo Spirito Santo le suggerirà.*

*Oltre che con l'affetto e gli auguri, noi tutti vogliamo starle vicino con la preghiera che è vincolo di carità e sollievo dei cuori.*

*Ci auguriamo di poterla riverire di persona a Roma quando ella avrà occasione di venire e saremmo felici se in qualche cosa la Basilica o il Capitolo Lateranense potesse riuscirle di utilità.*

*In fraterna communione in questa occasione e sempre.*

Mons. G. Battesta Proja

Laterano 26/V/86

Reverendissimu Huna,

Il-Kapitlu Lateranensi huwa miegħek fil-jum tal-pussess tiegħek bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, f'Għawdex. F'din l-okkażjoni ir-rabta ta' fidi u ta' mħabba li torbotna flimkien sa' minn ħafna żmien ilu, titqawwa u tissaħħaħ.

Xi wħud minna, jiena b'mod speċjali, jiftakru l-ħeġġa spiritwali u l-fidi qawwija li wrew il-parruċċani fil-festa tal-Patrun tagħhom San Ġorġ. Jiftakru wkoll is-Santwarju sabiħ tal-Verġni Imqaddsa Ta' Pinu.

Ilkoll kemm aħna nawgurawlek mill-fond ta'qalbna bidu mill-isbaħ tal-missjoni tiegħek, frott spiritwali kbir matul il-ħidma tiegħek, flimkien ma' faraġ kotran tal-grazzja divina.

L-Imqaddsa Verġni Marija u San Ġorġ Martri jkunu dejjem miegħek u jmexxuk f'kull inizjattiva li l-Ispirtu s-Santu jnebbħek biha.

Barra mill-awguri u mit-turija ta' stima lejk, aħna nwegħduk it-talb tagħna li huwa rabta ta' mħabba u s-sliem tal-qalb.

Nittamaw li jkollna okkażjoni niltaqgħu miegħek personalment ġo Ruma, u nieħdu gost jekk il-Bażilika jew il-Kapitolu tal-Lateran jistgħu jkunu ta' għajnuna lilkom.

F'Għaqda dejjiema ta' mħabba fraterna.

Mons. G. Battesta Proja

# KUMITAT ORGANIZZATTIV TAL-FESTI TAL-PUSSESS TA' L-ARĊIPRIET



| | |
|---|---|
| W.R. Mons Salv Borg | President |
| W.R. Kan. Ġużeppi Borg | Rappreżentant tal-Kapitlu |
| W.R. Kan. Karm Grech | Rappreżentant tal-Kapitlu |
| Rev. Dr. Ġużeppi Farrugia | Rappreżentant tal-Presbyterium |
| Dun Effie Masini | Rappreżentant tal-Presbyterium |
| W.R. Kan. Joe Mejlak | Konsulent Letterarju |
| Dun Felic Tabone | Viċi-Parroku (ex-officio) |
| Is-Sur Gorg Said (Segretarju) | Rappreżentant Kunsill Parrokkjali |
| Is-Sur Joe Borg | Rappreżentant Kunsill Parrokkjali |
| Is-Sur Anton Zammit | Rappreżentant Kumitat Storiku Kulturali |
| Is-Sur Michael Cassar | Rappreżentant Kumitat Storiku Kulturali |
| Dr. Paul Pisani | Rappreżentant Direzzjoni Centru Parrokkjali |
| Is-Sur Ġużeppi Cini | Rappreżentant Banda "La Stella" |
| Is-Sur Gorg Borg | Rappreżentant Banda "La Stella" |
| Miss Carmelina Pace | Rappreżentanta Ladies Society |
| Mrs Tarcisia Mizzi | Rappreżentanta Ladies Society |
| Mrs Giorgina Cassar | Rappreżentanta Ladies Society |

lil binhom il-għażiż f'għodwa ta' Lulju,
li wara żmien rawh tiela' jbus il-mejda
fejn joffri ta' kuljum lil Kristu-Vittma.
Hemm fis-Smewwiet jifirħu b'din il-ġrajja
Marija Antonia u Wiġi, l-maħbub żewġha -
omm u missier Dun Salv - li llum, jaħasra,
miġbura t-tnejn flimkien f'rokna tal-Ġenna,
imwennsa mill-maħbub Akkursju Xerri,
zijiet Dun Salv, Patri Tumas, Ġużeppi,
u magħhom qraba oħra li ħallewna,
qed jagħtu 'l-għażiż binhom bewsa taħraq
li fiha hemm mistura dik l-imħabba
li t-tnejn refgħu għalih kemm damu miegħu
u baqgħet ukoll f'qalbhom ġewwa l-Ġenna.

Jifirħu wkoll b'Dun Salv f'dil-għodwa kbira
oħtu Marija u żewġha ma uliedhom;
zijietu li għożżew b'imħabba għażiża;
Dun Ġwann, Rosina, Sunta, Gorg, Kelinu,
Cikku u Sister Doris, minn demm ommu;
Toni u Dun Franġisk, minn demm missieru;
u tant kuġini, qraba u ħbieb ta' ġewwa.

Tifraħ f'dal-jum għażiż kull qalb ġorġjana,
mill-kbir saż-żgħir, tfal, nisa, rġiel u żgħażagħ;
jifirħu x-xjuħ, il-morda ġewwa djarhom,
u dawk l-għeżież li minna 'l bogħod jinsabu
fil-Kanada, l-Awstralja u l-Amerika.

'Mma jifraħ fuq kulħadd Ġorġi ta' Lidda
li f'dan il-ħin mis-Sema niżel ħdejna,
u waqt li jgħannaq miegħu lil dan ibnu,
jagħtih il-barka tiegħu u bil-ħlewwa
ilissen lil Dun Salv kelmiet għaqlija:
"Żomm f'moħħok, ibni, biex għal dejjem tibqa'
Arċipriet ta' kulħadd fil-ħaqq u s-sewwa,
Għalliem tal-Kelma t'Alla, u Ministru
tal-Grazzja fit-twettieq tas-Sagramenti,
Missier u Ragħaj ukoll tal-merħla tiegħu.

"U meta dan id-dmir fuq spallejk tħossu
jagħfas u jross u jnikktek, ejja ħdejja
u jiena ngħallmek tliet virtù mill-aqwa
li għandhom joħorġuk rebbieħ għal dejjem.
Jonfoħ ir-riħ, jinġema' s-sħab sewdieni,
imm'int uri **kuraġġ** kif għamilt jiena
quddiem Dijoklezzjanu w qatt la togħtor
jew tibża' minn xi ziffa li fi ħsiebha

ikollha biss li titfi d-dawl imbierek
li jseddqek u jmexxik fit-triq imħattba.
Tenni ġo fik il-**fidi** sħiħa w soda
li kelli dejjem jien fin-Nazzarenu:
Hu jwieżnek minn dirgħajk u jgħinek timxi
b'imħabbtek 'il quddiem bla tħares lura.

"U fl-aħħarnett żomm ħajja fik it-**tama**
li għad fit-tmiem ta' din il-ħajja fiergħa
fuq rasek Alla jqiegħed il-kuruna
tar-rebħ, u tiġi mbagħad tingħaqad miegħi,
u jien u int flimkien nintrabtu f'ħajja
li taf tagħtina biss sliem, ferħ u hena".

F'lejla ta' qamar kwinta jfur bid-dija,
abjad bħall-fidda jleqq ġo sema safi,
jindokra lill-ħolqien li daħal f'nagħsa,
hemm riesqa lejn xulxin kemmkemm jitħarrku
żewġ stilel maħbubin li t-tnejn li huma
jixtiequ li jitwaħħdu f'rabta sħiħa
li ma tintemmx għax jafu li jinħtieġu
waħda lill-oħra biex b'dijithom juru
it-trejqa lill-bnedmin tas-sliem dejjiemi.
Waħda, qawwija, tarmi frak tal-fidda,
u l-oħra, għax aqwa minnha, ssus warajha
sabiex twezinha 'k tibda ma' xi ziffa,
tlebleb u tnin, u taħbat ser tintefa.

Dun Salv u Kristu t-tnejn id f'id iterrqu
il-mixja ta' dil-ħajja aktarx imwiegħra,
ħarsithom f'ta' xulxin, wieħed fuq naħa
Ragħaj-Salvatur imexxi l-merħla tiegħu,
waqtiet b'ċanfira ħelwa kemm qawwija,
l-ieħor Ragħaj-Salvatur, qawwi w setgħani,
iwieżnu u jmanntnih, jgħinu u jħeġġu
biex qatt ma jogħtor, qatt ma tonqsu l-ħila:
Dun Salv jaħdem għal Kristu b'ħeġġa mqanqla,
u Kristu għal Dun Salv bil-Grazzja tiegħu.

Hekk din l-istilla li ġo nofsna feġġet
tibqa' tfawwar bid-dija w qatt ma theda,
biex meta ttemm il-ġirja fuq l-art tagħna,
tlebbet 'il fuq 'il fuq u titlaq tgħammar
x'imkien 'il bogħod fejn b'ħerqa tistenniha
tinsab l-istilla l-oħra, u t-tnejn f'daqqa
jibqgħu jilmaw u jiddu ġewwa l-Ġenna.

*N.B. Din il-poeżija nqrat mill-awtur innifsu f'akkademja li saret nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju, 1986, f'ġieħ l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa-Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri, il-Kanonku Dun Salv Borg.*

## TELEGRAMMI BL-AWGURI MILL-EMIGRANTI

***L-Arċipriet Monsinjur Dun Salv Borg jixtieq jirringrazzja lil dawk l-emigranti kollha li fil-jiem tal-festa tal-pussess tiegħu bagħtu telegrammi b'awguri għall-ħatra tiegħu bħala Arċipriet ta' San Ġorġ.***

**Mons Arċipriet u l-Kumitat Organizzattiv jirringrazzjaw lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom għas-suċċess tal-festi tal-Pussess.**

**RITRATTI: Cremona Lafayette Photo Studios**

# IL-BNIEDEM TA' KULHADD

*Oqogħdu għal dawk li jmexxukom, u obduhom, għax huma jgħassu fuqkom għall-ġid tagħkom, bħala nies li għad iridu jagħtu kont tagħkom. (Mill-ittra lil-Lhud. 13, 17)*



*mis-Sur George N. Cassar*

Eċċellenza Revma, Reverendi Saċerdoti, Sinjuri,
Kif aħna hawnhekk miġbura għal din l-akkademja li qed nagħmlu f'ġieh l-arċipriet ġdid tagħna, nibda biex nagħmel mistoqsija; għandu mnejn xi wħud jħossuha stonatura, imma ħa nissogra nagħmilha: Illum, meta seħħ tant tibdil soċjoloġiku, meta pajjiżna ħareġ minn ġo qoxortu u nfetaħ beraħ, meta l-poplu tagħna għoddu siker b'mentalità moderna u qabad stili ġodda ta' ħajja, jidhrilkom li l-parroċċa għad baqgħalna bżonnha, jewinkella, bil-kappillan b'kollox tagħha, għamlet żmienha u saret għalina anakroniżmu? It-tweġiba ma nagħtihiex jien; jagħtuha l-awtoritajiet tal-Knisja. Il-parroċċa għadha tabilħaqq meqjusa bħala eżempju mill-aqwa ta' apostolat komunitarju; wara l-familja, għadha l-ewwel skola ta' reliġjon, ta' talb, ta' formazzjoni morali nisranija; għadha, fi kliem ieħor, qisha għajn kbira li minnha jfawwar bla heda ġid spiritwali. Il-parroċċa taqdi missjoni doppja: hija twassal lil Kristu għand il-poplu u fl-istess waqt, twassal lill-poplu għand Kristu. Għalhekk hija tiswielha lill-Knisja daqskemm iċ-ċelluli jiswew lill-ġisem, u bla dubju, aktar ma tkun ħajja u miftuħa l-parroċċa, aktar tkun ħajja u tissaħħaħ il-Knisja.

Issa mmorru f'ras il-għajn u naraw x'igħid wieħed mid-digrieti tal-Konċilju 'Christus Dominus' dwar il-kappillan u l-ministeru qaddis tiegħu. Hawnhekk kulma għandna taqsima żgħira, imma fiċ-ċokon ta' din it-taqsima jiena nilmaħ qisu għadira li fiha hemm rifless il-baħar ta' xogħol li għandu mifrux quddiemu dan il-missier spiritwali. Maż-żewġ funzjonijiet li għandu kull saċerdot ta' tagħlim u tqaddis, il-kappillan għandu wkoll funzjoni oħra, dik ta' triġija. Il-kappillan, ikompli jisħaq dan id-dokument, irid iħabrek biex ikattar il-ħajja nisranija fil-familji, fl-għaqdiet, fil-komunità parrokkjali kollha kemm hi. Imma qabel xejn, u hawn għandna nota realistika, huwa jrid ifittex li jsir jaf il-merħla tiegħu. Għalhekk huwa mistenni li jżur id-djar u l-iskejjel, jieħu ħsieb iż-żgħażagħ u jieħu ħsiebhom bil-ħeġġa, jimpenja ruħu għall-ġid tal-ħaddiema, jieħu interess fil-fqar u l-morda, iqanqal l-insara sabiex igħinu fil-ħidmiet ta' l-apostolat. Fl-aħħarnett, huwa jrid jaħdem id f'id mal-kappillani u s-saċerdoti tad-djoċesi biex il-ħidma pastorali jkollha l-unità meħtieġa, kif ukoll irid jaqdi dmiru b'mod li l-insara jħossu ruħhom membri mhux biss tal-parroċċa jew tad-djoċesi, imma tal-Knisja Universali.

**Sacerdos propter populum**

Jekk dak li jkun joqgħod jirrifletti ftit, naħseb li jasal biex jirraġuna bħali li quddiem il-kappillan hemm baħar ta' xogħol. U la fuq dan il-baħar jafu jonfħu l-irwiefen, id-dgħajsa tiegħu jrid ikollha "ġenbejha shah u l-qlugħ tajbin". Biex il-ħidma ta' l-erwieħ issir sewwa, barra għerf, barra ħeġġa apostolika, inħoss li l-kappillan irid ifittex li jkollu dawk il-kwalitajiet li San Pawl ried jara f'Timotju, meta fit-tieni pastorali tiegħu kitiblu hekk: "Int, bniedem t'Alla, fittex li jkollok il-ġustizzja, it-tjieba, il-fidi, l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa". Il-kappillan, bħal Timotju, huwa bniedem t'Alla, imma huwa wkoll bniedem tal-poplu. Huwa l-bniedem ta' kulħadd, u biex ngħid hekk, ma' kulħadd għandu d-dejn. Huwa għandu dimensjoni distintament soċjali. Għalhekk barra li jkun bniedem kompit, għandu minn kollox, ma jonqsu xejn, irid jagħraf l-ewwelnett ikun qaddej ġenwin. Biex nissellef l-argument li darba ħareġ bih il-Kardinal Heenan, il-kappillan ma jistax igħid: "Jien għandi parroċċa"; imma jrid idawwarha u jgħidha hekk: "Il-parroċċa għandha lili". Il-prinċipju li fuqu għandu jfassal ħajtu huwa wieħed: "sacerdos propter populum," u mhux "populus propter sacerdotem". Terġa' u tgħid, la darba huwa l-bniedem ta' kulħadd, il-ħajja kontemplativa ma tgħoddx għalih. Huwa jrid jimtela bi spirtu missjunarju biex jilħaq u jaqdi lil dawk kollha li joqogħdu fil-parroċċa, jew aħjar lil dawk kollha li jixtiequ jkunu moqdija. U billi mirakli ma jagħmilx, ma jistax ifejjaq mill-bogħod. Irid jidħol fis-saffi kollha tas-soċjetà, u jgħix qrib in-nies, fl-inkwiet u t-tħassib tagħhom. Irid jinteressa ruħu fil-problemi tagħhom, problemi personali, familjari, soċjali. Irid jitħallat magħhom biex idawwal l-imħuħ u jkebbes il-qlub. Irid igħix fosthom, imma fosthom dejjem bħala saċerdot, bħala saċerdot mija fil-mija u jġorr fuqu l-fwieħa ta' Kristu, biex ma jitħabbilx fix-xibka tal-ħajja. irid isir jaf il-familja parrokkjali tiegħu, isir jafha minn wiċċha, isir jafha iktar w iktar minn ruħha. Irid isir jaf x'inhuma jgħidu, x'inhuma jaraw u jisimgħu, x'inhuma jsofru. Irid jifhimhom u jgħix għalihom, jifraħ u jibki magħhom, għalhekk għandu jżomm fih doża kbira ta' mħabba u spiritwalità, il-ħmira tal-kristjaneżmu ħaj. Dmiru mhuwiex biss li jippreserva t-tajjeb, u jwessa' u jsaħħaħ iċ-ċirku ta' ġewwa, imma wkoll li jwassal il-messaġġ tal-Vanġelu lil dawk l-iktar bierda u mbiegħda, lil dawk li dawru spallejhom, li qegħdin fir-reżħa tad-dlam, f'dell il-mewt. Irid jiġri wara n-nagħġa l-mitlufa, speċjalment fi żmienna meta l-ħajja m'għandhiex bħal dari, min-nieqa sal-qabar iddur u tagħqad mal-parroċċa. Irid

jikkonċentra fuq l-individwu iktar milli fuq il-massa, u meta jżomm kuntatt ħaj, mhux sempliċi kuntattt funzjonarju, is-saċerdozju jkun jista' joħroġ iktar fil-milja tiegħu. U din il-missjoni iebsa huwa jidħol għaliha mhux meta jsib iċ-ċans, imma jfittex kull opportunità biex mit-teorija jniżżilha fil-prattika.

Ngħid u ntenni, il-kappillan, bħala l-bniedem ta'kulħadd, bħala r-ragħaj it-tajjeb, irid iterraq mal-merħla; jekk ikarkar warajha, għandu mnejn wara żmien ifittixha u ma jarahiex aktar għax tkun ħaditha minn fuq xi rdum. Anzi, kif wissa l-Papa preżenti, il-kappillan irid jimxi f'ras il-merħla biex juriha t-triq, jipprevedi l-perikli u jiddefendiha mill-ilpup. Huwa għandu jħoss l-għatx ta' l-erwieħ u jħabrek biex iwassalhom ħdejn l-għajn tal-ħajja; jekk dan l-għatx ma jibqax iħossu, jisgħobija ngħid, ikun tilef l-identità tiegħu ta' saċerdot u iktar w iktar l-identità tiegħu ta' kappillan. Jalla, fi tmiem il-ministeru qaddis li tgħabba bih, ikun jista', b'wiċċu minn quddiem, igħid ma' San Pawl: "Aħna, kif tafu, ġibna ruħna ma' kull wieħed minnkom qisna missier ma' wliedu; farraġniekom, għamilnielkom il-qalb, ħeġġiġniekom ħalli timxu kif inhu xieraq quddiem Alla li sejħilkom għas-saltna u l-glorja tiegħu."

**Il-Piż irid iġorru kulħadd.**

Imma, ngħiduha bla tlaqliq, il-qawmien u t-tiġdid spiritwali mhumiex xi monopolju tal-kappillan jew arċipriet min ikun. Tassew li fuq spallejh tagħfas l-ikbar responsabbiltà, imma l-piż irid iġorru kulħadd, inkella flok tiġdid, ikollna tifrik. Huwa mhux daqqa t'id għandu bżonn, imma koperazzjoni u koperazzjoni bil-qalb. Ħadd ma jista' jaħsel idejh; fejn tidħol ir-reliġjon, drajna wisq bil-ħasil ta' l-idejn u t-tfarfir ta' l-ispallejn. Il-ħsad huwa kbir; għalhekk il-kappillan irid jagħraf iqassam u jiddelega, jikkordina l-ħidmiet ta' dak u ta' l-ieħor, u saħansitra jista' wkoll jagħti pass ieħor 'il quddiem u jħeġġeġ il-lajċi jieħdu inizzjattivi minn rajhom. Huwa jrid jikxef u jisfrutta l-forzi kollha li hemm fil-parroċċa; u f'kull parroċċa, hi x'inhi l-fiżonomija tagħha, dejjem għandek issib ħażna ta' talenti, ta' kariżmi, riservwar ta' ġid u rizq. Billi t-triġija hija f'idejh, irid jagħraf igħaqqad il-mentalitajiet flimkien, taż-żgħażagħ u tal-anzjani, ta' min irid jiġri u ta' min ma jridx jiċċaqlaq. Jeħtieġlu jkun bniedem ta' tiġdid, lest li jibdel, lest li jinbidel, lest li bl-umiltà jisma' lil ta' madwaru, lest li jiddiskuti, għax jaf li d-diskussjoni ssir biex tiġġenera d-dawl u mhux biex tiġġenera s-sħana. Il-kapaċità tiegħu tidher meta joħloq il-kolleġġjalità. Irid igħabbar għalhekk iż-żewġ kefef tal-mizien: fil-keffa l-waħda għandu s-saċerdoti li jittrattahom bħala egwali għax għalih jiġu qishom ħbiebu u ħutu, saċedoti kompetenti li s-sagrifiċċju ma jtihomx fastidju; fil-keffa l-oħra għandu l-insara awtentici, il-lajċi b'mentalità aġġornata, lajci maturi li l-ewwel jifthu moħħhom, imbagħad jifthu ħalqhom; għax kif igħid Ktieb il-Qwiel, mingħajr ħsieb, l-anqas il-ħeġġa ma tkun tajba. Is-saċerdoti u l-lajci huma frieghi ta' l-istess siġra, membri ta' l-istess familja li nippretendi qegħdin jaħdmu għall-istess skop, għandhom l-istess valuri, l-istess ideal nisrani. Fejn hemm solidarjetà, issib fertilità; fejn hemm iżolament, mhemmx ħlief sterilità.

Il-kappillan irid jibni fuq l-unità, unità sinċiera u profonda, unità ta' l-imħuħ fil-verità, unità tal-qlub fl-imħabba. Bla dubju, biex dan iseħħ, xejn xejn irid ikun hemm l-armonija, klima ta' fiduċja u rispett reciproku. U jkun hemm għaqda mibnija fuq l-imħabba u mill-imħabba mmexxija meta kulħadd jifhem li ċ-ċentru mhuwiex il-kappillan, l-anqas l-attività li qiegħed imidd għonqu għaliha, imma Kristu li għalih qed naħdmu. Aħna nħawlu u aħna nsaqqu, imma t-tkabbir mhux f'idejna. Għalhekk it- tmexxija spiritwali tiddeferixxi minn kull tmexxija oħra, għaliex il-bażi tagħha mhuwiex il-prestiġju personali, mhumiex l-aspetti soċjali li dak li jkun jaf jedha bihom, il-qofol ta' kollox huwa Kristu u l-mixi 'l quddiem tas-saltna tiegħu. L-awtorità tal-kappillan, kieku kellna nsarrfuha, flok sempliċi dinjità, konna nġibu tagħha servizz u qadi, jew biex nuża l-kelma preċiża, kelma mnissla mill-Grieg, djakonija. Sant Wistin igħid ċar u tond: Praesumus si prosumus: Immexxu jekk naqdu. Għandu dan il-qaddis għaref frazi oħra magħrufa: prodesse non praeesse: tkun ta' fejda, ta' benefiċju, u mhux tiddomina. Imma m'għandniex għalfejn immorru 'l bogħod. Sa l-Imgħallem tagħna jifthilna għajnejna: "Ġejt mhux biex ninqeda, imma biex naqdi". U jkompli: "Min irid ikun l-ewwel, ħa joqgħod l-aħħar u jkun il-qaddej ta' kulħadd".

**Teżor fi ħwejjeġ tal-fuħħar**

Mhux l-awtorità tal-kappillan irridu niżnu u nkejlu, imma r-responsabbiltà li għandu, u r-responsabbiltà tiegħu hija enormi għax hija marbuta mal-kura u s-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Il-kappillan, il-bniedem t'Alla u l-bniedem tal-poplu nistgħu nsejħulu l-id il-lemenija ta' l-isqof. Huwa artista "ta' l-ogħla arti". Huwa l-qalba ta' l-inizzjativa apostolika fil-komunità tal-parroċċa. Bħala ambaxxatur ta' Kristu, irid jixhed bla biża', "bi kliemu u b'egħmilu, xinhi l-fidi u l-ħajja nisranija; irid ixandar il-kelma, isus wara l-fidili f'waqtu u barra minn waqtu, iċanfar, iwiddeb, iwissi bis-sabar kollu u bit-tagħlim". Kif aċċennajt fil-bidu, huwa mgħobbi b'missjoni doppja: missjoni Ewkaristika u missjoni pastorali. U din tiegħu hija missjoni li minnha titfaċċa kobba sħiħa ta'problemi, kobba mħabbla daqs in-natura umana nfisha, Għaref kemm hu għaref, jaħdem kemm jaħdem, u jinqala'kemm jinqala' l-kappillan, faċli li jonqos u jiżbalja. Anki Xmun Pietru, wara tliet snin ta' taħriġ u taħriġ taħt l-aqwa mgħallem, spiċċa biex żelaq u waqa' fl-iżball. Wara kollox ma ninsewx li "t-tezor Alla jqiegħdu fi ħwejjeġ tal-fuħħar". Għalhekk, forsi iktar minn kulħadd, il-kappillan għandu bżonn mogħdrija, aċċettazzjoni, inkuraġġiment, sens kbir ta' stima u rġulija mill-kleru u l-lajċi.

Irridu nifhmuh flok nikkritikawh kif ġie ġie; napprezzawh flok nikkundannawh; noqogħdu għalih u nirrispettaw id-deċiżjonijiet tiegħu flok inxammru mneħirna għax irriduha tgħaddi tagħna. Irridu nimxu warajh flok nabbandunawh; naqsmu l-piż miegħu flok intaqqluhulu jew inħalluh jaqdef għal rasu; nuruh ħafna lealtà flok ħafna inkini. Irridu nitolbu għalih flok ngħidu fuqu; intaptpulu fuq spalltu flok nipprovaw baxx baxx intaptpuhielu; inferrħuluqalbu flok naqsmuhielu bil-piki li x-xitan jaf inibbet u jkeskes bejnietna.

**Talba ċkejkna**

U issa, qabal nagħlaq inħoss li huwa xieraq li nagħmel talba ċkejkna għall-bżonnijiet ta' l-arċipriet ġdid tagħna,

*jitkompla p. XX*

# Diskors ta' Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv. S.Th.D. fl-Akkademja, Il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 1986



Eccellenza Reverendissima,
Wisq Reverendu Monsinjur Arċipriet Salv Borg,
Ħuti fis-Saċerdozju,
Sinjuri!

**IR-RAGĦAJ U L-MERĦLA**

Ir-Ragħaj u l-Merħla: żewġ rejaltajiet li jmorru flimkien; waħda titlob lill-oħra; bħalma huma s-Sultan u s-Saltna; il-Missier u l-Familja; d-Dielja u l-Friegħi; ir-Ras u l-Membri l-oħra tal-Ġisem.

Ir-Ragħaj u l-Merħla : Kristu u l-Umanità.
Ir-Ragħaj u l-Merħla : Il-Papa u l-Knisja.
Ir-Ragħaj u l-Merħla : L-Isqof u d-Djoċesi.
Ir-Ragħaj u l-Merħla : Il-Kappillan u l-Parroċċa.

**Ir-Ragħaj:** Kristu preżenti fil-Papa; il-Papa preżenti fl-Isqof; l-Isqof preżenti fil-Kappillan.

**Il-Merħla:** L-Umanità preżenti fil-Knisja: il-Knisja preżenti fid-Djoċesi; id-Djoċesi preżenti fil-Parroċċa.

**Ir-Ragħaj:** Il-Kappillan iwettaq il-missjoni tiegħu f'isem l-Isqof: l-Isqof iwettaq il-missjoni tiegħu f'isem il-Papa; il-Papa jwettaq il-missjoni tiegħu f'isem Kristu.

**Il-Merħla:** Il-Parroċċa hija bint id-djoċesi; id-Djoċesi hija bint il-Knisja; il-Knisja hija bint l-Umanità.

**Ir-Ragħaj u l-Merħla : Kristu u l-Knisja.**

It-Tnejn għandhom l-istess nisel: Kristu u l-Knisja; it-Tnejn huma l-frott ta' l-aqwa żewġ imħabbiet; huma l-frott ta' l-aqwa imħabba **divina ; L-Ispirtu s-Santu:** huma wkoll il-frott ta' l-aqwa imħabba **Umana : L-Immakulata.**

Iltaqgħu flimkien dawn iż-żewġ Imħabbiet: l-Ispirtu s-Santu u Marija Verġni; iltaqgħu, biex ngħid hekk, l-**ewwel darba,** f'Nazaret: **"Ave, Gratia Plena": "Is-Sliem għalik, il-Mimlija bil-Grazzja,"** sellmilha u sejħilha l-Ispirtu s-Santu, permezz tal-Arkanġlu Gabrijel, lix-Xebba ta' Nazaret. U Hi weġbitu: **"Hawn hi l-Qaddejja tal-Mulej, ikunli skond kelmtek"**[1]. U hawn tnissel Kristu: ir-Ragħaj: **"U l-Verb sar bniedem"** [2].

Reġgħu 'ltaqgħu flimkien l-Ispirtu s-Santu u Marija Verġni, fiċ-Ċenaklu, xi tlieta u tletin sena wara; u hawn ħarġet il-Knisja: il-Merħla, il-Ġisem ġdid ta' Kristu, il-Ġisem mistiku Tiegħu, il-Poplu qaddis t'Alla, s-Saltna t'Alla, il-Belt t'Alla.[3].

F'Nazaret, il-Verb sar Bniedem; Ġesù Kristu: ir-Ragħaj: U fiċ-Ċenaklu, l-Verb sar Bniedem, u għammar fostna, u għal dejjem: il-Knisja, il-Merħla.

Il-Knisja hija Kristu li jingħata lilna: Hija l-Knisja li twasslilna **l-Kelma Tiegħu, l-Missjoni Tiegħu, l-Misteri Tiegħu, is-Sagramenti Tiegħu,** b'mod speċjali tagħtina l-Ġisem u d-Demm imqaddes Tiegħu: **"Ħudu u Kulu: Dan Hu Ġismi. . . Ħudu u Ixorbu: Dan hu Demmi: Agħmlu Dan b'tifkira Tiegħi"**[4].

Tassew li **"ir-Ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ Tiegħu"**[5].

**Ir-Ragħaj u l-Merħla:**

Il-Papa u l-Knisja.
L-Isqof u d-Djoċesi.
Il-Kappillan u l-Parroċċa.

**"Inti Pietru"** Ġesu qal lil Xmun, bin Ġona, quddiem l-appostli l-oħra, **"Inti Pietru u fuq din il-Blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħelbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet"**[6] Din il-wegħda Ġesù wettaqha xi sentejn wara, meta reġa' qallu lil Pietru quddiem sħabu: **"Irgħa n-ngħaġ tiegħi"**[7].

Żewġ ħwejjeġ talab Ġesù mingħand Pietru: l-**Fidi** u l-**Imħabba.** U Pietru tahomlu. Tah il-**Fidi: "Inti l-Kristu, l-Iben t'Alla l-Ħaj"**[8] U hawn Kristu lil Pietru għamlu l-**pedament tal-Knisja: "U jiena ngħidlek, Inti Pietru u fuq din il-Blata jiena nibni l-Knisja tiegħi"** Pietru lil Ġesù tah ukoll l-**imħabba:** "Inti taf li **jiena nħobbok".** U għal din l-Imħabba Ġesù lil Pietru għamlu r-Ragħaj tal-Knisja: "Irgħa n-ngħaġ tiegħi".

Pietru huwa l-ewwel Papa; huwa l-ewwel Isqof; huwa l-ewwel Kappillan! Pietru huwa l-ewwel Vigarju ta' Kristu: Vigarju u mhux Suċċessur ta' Kristu. U hawn jidher il-kobor tal-Papa: li hu l-Vigarju ta' Kristu; Xi jfisser dan? Ifisser li għadu ħaj: **"Jiena magħkom għal dejjem"**[9]. **U la Kristu għadu ħaj, allura l-Papa kull ma jagħmel bħala l-Pedament u r-Ragħaj tal-Knisja, jagħmlu dejjem f'isem, u fl-awtorità ta' Kristu. Jgħidilna difatti Pawlu, missierna, fl-ewwel ittra lil Korintin: "Pedament ieħor ħadd ma jista' iqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Kristu"**[10].

Ġesù lil Xmun, Bin Ġona, biddillu ismu: sejjaħlu **Pietru,** cioè **Blata:** u **ssejjaħ** f'sens bibliku ifisser **tagħmel.** Allura, Ġesù lil Xmun għamlu Blata.

**"Inti Blata":** hawn Ġesù donnu ried igħidlu: "Issa int m'intix iżjed **bin Ġona,** m'intix iżjed tat-tafal; issa inti Pietru, inti Blata; irridek tkun **Blata,** biex ma jiġrilekx dak li ġralu Adam, l-ewwel bniedem ta' Missieri, li għax għamlu tat-tafal, Adam ma' l-ewwel ħabta li ltaqgħa magħha, tkisser u tfarrak. Dan lilek ma jiġrilek qatt: għax int Blata! Għax kull min jaħbat miegħek, mhux hu jkissrek, imma inti tkissru; u tkissru mhux biex teqirdu, imma biex iġġeddu u ssebbħu, u terġa' tagħtih il-ħajja, il-ħajja ta' dejjem! **"Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja,** u l-

*jitkompla p. XX*

# Indirizz ta' Merħba lil MONS. DUN SALV BORG fl-okkażjoni tal-Pussess tiegħu bħala ARĊIPRIET tal-Parroċċa Bażilika, Kolleġġjata, ta' San Ġorġ



*mis-Sur Gorg Said, Segretarju tal-Kumitat organizzattiv*

Eccellenza Reverendissima,
Wisq Reverendu Mons. Arċipriet,
Reverendi Sinjuri,
Sinjuri,

Ġejt mitlub biex bħala Segretarju tal-Kumitat Organizzattiv, nagħmel l-indirizz ta' merħba lill-Mons. Şun Salv Borg fl-okkażjoni tal-Pussess tiegħu bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Għalkemm dak in-nhar ilqajt l-istedina bil-ferħ, illum kwazi ndimt li aċċettajt, għax sibtha diffiċli wisq kif għan-nom tal-Komunità Parrokkjali Ġorġjana se nibda nagħtih merħba. Għax il-Komunità Parrokkjali l-merħba diġa' tathielu lil Dun Salv (kif kulħadd jafu), u hu ħadha u laqagħha bil-ferħ.

Tawh l-ewwel merħba l-qniepen armonjużi tal-Bażilika tagħna meta daqqew mota ferrieħa hekk kif tħabbret in-nomina tiegħu ta' Arċipriet, tawħ merħba spontanja dik ix-xmara ta' nies li marret ġo daru biex tifraħlu u tifraħ bih, tawh merħba ġenwina u sinċiera dawk il-mijiet ta' nies li ma darhom fetħu wkoll qlubhom ma' l-Arċipriet fit-tberik tal-Għid. Ingħata merħba, awtentika u effettiva, meta waqt żjara lill-morda waħda minnhom offriet l-uġigħ tagħha għall-bżonnijiet tiegħu; meta fi żjara lill-anzjani, anzjana minnhom ikkonsolatu bil-kliem li l-missjoni tqila tiegħu ġġiegħlu jimmerita; meta membru tal-Azzjoni Kattolika qaltlu: "Illum ibbumbardjajniek bit-talb". U ma rridx niftiehem li tal-Azzjoni Kattolika biss, (li tal-frieghi tar-rġiel u n-nisa tagħha tar-Rabat, Dun Salv huwa d-Direttur Spiritwali), mhux tal-Azzjoni Kattolika biss tawħ merħba u talbu għalih. L-Għaqdiet lajċi kollha, tan-nisa u tar-rġiel, tal-Mużew u tal-Legion of Mary, il-Komunitajiet Reliġjużi kollha sew tal-Patrijiet kif ukoll tas-Sorijiet, ferħu bih u talbu li Alla jkompli jsawwab fuqu l-grazzji tiegħu. U xi ngħidu għat-tfal! Dawk taċ-Ċentru Parrokkjali tagħna, ta' l-iskejjel tal-Franġiskani u tas-Salezjani, ta' l-iskola primarja tal-Gvern. Il-mawra tal-Arċipriet fosthom kienet waħda trijonfali, entużjasmanti fl-innoċenza u l-ħeġġa ta' daqshekk qlub żgħar. Tatu wkoll l-isbaħ awguriju l-Komunità Parrokkjali kollha bil-mod kif wieġbet għas-sejħiet li għamlilha l-Arċipriet il-ġdid fil-ħafna funzjonijiet li diġa' kellu.

Din il-merħba kollha - kbira, spontanja u awtentika - ma setgħetx tonqos għax Dun Salv konna nafuh, ilna nafuh, għax Dun Salv "min ta' ġewwa".

"Huwa jmur quddiemhom u n-ngħaġ jimxu warajh għax jisimgħu leħnu" - S. Ġwann, Kap X. Iżda fil-każ tal-ħatra ta' Dun Salv bħala Arċipriet tal-Parroċċa Kolleġġjata tagħna, ma kienx ir-ragħaj li mar quddiem u għajjat lill-merħla biex timxi warajh. Meta l-merħla Ġorġjana sabet ruħha bla ragħaj għax dak predecessur wara tant snin ta' ħidma fejjieda, mexa mal-Kostituzzjoni tal-Knisja u meritatament refa' mix-xogħol, kienu n-ngħaġ li spontanjament marru wara Dun Salv. Kienet il-merħla li fin-nuqqas ta' ragħaj, għażlet lil Dun Salv bħala r-ragħaj tagħha. Vox populi vox dei. U mhux bla raġuni. Għax il-merħla kienet diat tiekol minn id Dun Salv, kienet ilha tixrob mill-klema ta' fommu, kienet ilha konxja mill-ħsieb u l-kura li kien jagħtiha disinteressament Dun Salv avolja ma kienx ir-ragħaj tagħha. L-omeliji, il-priedki, il-konferenzi, il-qrar, il-pariri, il-presenza tiegħu fil-parroċċa f'kull ħin liberu li jkollu, kienu l-ikel, l-ilma u l-ħarsien li l-merħla ħadet minn idejn Dun Salv. Il-kelma fejjieda mogħtija bi ħlewwa, it-tbissima, il-ħarsa ta' komprensjoni, l-umiltà, iċ-ċajta f'waqtha, is-sens ta' dedikazzjoni, l-inizzjattiva u l-ħeġġa, id-dehen u l-għaqal kienu l-kalamiti li ġibdu lil kulħadd wara Dun Salv u waħħadhom miegħu. In-nies ftakret li lil Dun Salv sabitu dejjem f'kull bżonn li kellha. Il-Komunità Parrokkjali li għal xi żmien kienet ħasset l-assenza minn fostha tiegħu, intebħet bl-umaneżmu, bis-sens ta' sagrifiċċju u solidarjetà ta' Dun Salv matul il-marda ta' wieħed mill-familjari tiegħu u n-nies ħasset li għalkemm dan għamlu ma' zijuh, Dun Salv hu magħġun b'tali mod li lest li juri l-istess umaneżmu, l-istess sens ta' sagrifiċċju u solidarjetà ma kull wieħed, sa l-iċken wieħed, tal-Komunità Parrokkjali tiegħu fil-problemi u l-bżonnijiet tagħhom.

U jekk il-Komunità Parrokkjali Ġorġjana tafu daqshekk tajjeb hekk li tkaxkret għal warajh u tatu l-merħba kbira li semmejna, x'nista' nżid jien fil-merħba tiegħi f'isimkom? Rajt li flok nirriskja li nizvaluta l-merħba tagħkom bil-kliem dgħajjef tiegħi, ikun wisq aħjar li nagħmillek, Mons. Arċipriet, stqarrija ta' fiduċja.

Mons. Arċipriet, hija x-xewqa tagħna, mibnija fil-fiduċja li għandna fik, li nafdawlek f'idejk it-teżor kbir tagħna - il-Parrokjabilità tal-Parroċċa tagħna. Huwa l-pjaċir tagħna li l-Parroċċa tagħna tagħtik l-ogħla unur li tista' tagħtik - l-Arċipretura. Iżda ma' l-unur aħna qed

ngħabbuk b'piż tqil, b'responsabbiltà kbira, għax qed nafdawlek f'idejk biex tħarsu u tieħu ħsiebu, teżor, wirt l-antenati tagħna u l-predeċessuri tiegħek minn mijiet ta' snin ilu - il-Parrokkjabilità tal-Knisja ta' San Ġorġ. Kemm kienet tkun fqira l-Knisja tagħna kieku ma kellhiex dan id-djamant jilma tal-Parrokkjabilità! Kburin aħna l-Ġorġjani - u bir-raġun - bit-titli ta' Bażilika u Kolleġġjata. Kburin - u min ilumna - bil-Preti, Zahra, Palombi, d'Arena, Erardi, Cali u Conti. Kburin - u għandna għaliex - bit-tribuna replika tal-Bernini, bl-artal mejda u bil-ġawhra ta' vara ta' San Ġorġ. Iżda x'jiswew dawn ir-rikkezzi kollha mingħajr il-ġawhra tal-Parrokkjabilità? Il-Knisja tagħna kienet tkun Mużew tal-Arti, attrazzjoni għat-turisit u l-kurjużi, u int, Mons Arċipriet, kuratur flok ragħaj spiritwali. Mentri kif inhi llum u kif insibu miktub wisq tajjeb fid-Digriet tal-Bażilika mogħti mill-mibki u qaddis Papa Piju XII, il-Knisja tiegħek hija "spettaklu ta' fidi ħajja u mħabba mkebbsa". Ħares lejn il-Parroċċa tiegħek u tara tilma l-Knisja ta' Kristu, tiffunzjoni bla heda mill-5 ta'filgħodu sat-8 ta' filgħaxija, minn nhar ta' Tnejn sa nhar ta' Ħadd, mill-ewwel tax-xahar sa l-aħħar jum, minn Jannar sa Diċembru. Tara l-pastorali, l-apostolat u l-ministeru tal-qadi għaddej il-ħin kollu, fl-4589 quddiesa fis-sena (skond l-orarju fiss) u f'xi 800 quddiea oħra f'dawk li ngħidulhom 'ta' barra l-ħin'. Tara r-rikonċilljazzjoni m'Alla sseħħ f'kull ħin tal-ġurnata anki f'ħinijiet l-aktar strambi, filwaqt li iktar minn kwart ta' miljun ruħ, 263,000 ruħ biex inkun eżatt, jitrejqu kull sena f'din il-Knisja bil-Ħobż Divin. (u da igħodd għal meta ma kienx għadu permess it-tieni tqarbina). Żid magħhom in-numru konsiderevolment kbir ta' nies li għalkemm jiġu biex jisimgħu l-quddies ma jersqux, sfortunatament lejn il-mejda tal-Ħaruf Divin, u malajr tirrealizza, Mons. Arċipriet, kemm hi kbira l-għalqa li trid taħdem fiha.

Tieħu gost għax tkun qed tara l-funzjonalità tal-Parroċċa tiegħek imma fl-istess ħin tħoss il-piż tal-kura spiritwali tagħhom jagħfas fuqek meta tara l-Knisja tiegħek timtela bil-fidili fil-festi tal-Mulej, fil-Milied, matul il-Ġimgħa Mqaddsa, fl-Għid, fil-Kwaranturi, fil-Corpus, fl-Avvent, fir-Randan, għas-sigħat ta' Adorazzjoni Komunitarja, għall-espożizzjoni kull nhar ta' Ħamis, kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, kull l-ewwel Sibt tax-xahar, kull meta xi ħadd mill-Komunità Parrokkjali jħoss li għandu jfittex is-serħan ta' qalbu ma' Ġesù Sagrament. Mhux ta'b'xejn li r-Rev. Prof. Dun Joe Bezzina fil-ktieb tiegħu Religion and Politics in a Crown Colony qal li fis-seklu 19, San Ġorġ kien l-uniku knisja f'Għawdex li kienet tagħti l-barka sagramentali kuljum. Kien relattivament il-bieraħ li l-poplu tar-Rabat kien jinġabar fil-għaxija ġewwa San Ġorġ u jdamdam il-ħitan ta' din il-Knisja bil-kant sinċier tiegħu, għalkemm fosri stunat, tal-Pange Lingua u t-Tantum Ergo b'ilsien li ma jifhmux iżda bil-fehma sinċiera li jfaħħru 'l Alla. Kien relattivament il-bieraħ li l-poplu tar-Rabat kien jinġema' San Ġorġ u joħroġ iterraq mal-Vjatku sa' l-ibgħad trufijiet tar-Rabat.

Iżda għat-toqol u l-kobor tal-missjoni tiegħek, tagħmel tajjeb l-għajnuna t'Alla u t'Ommu Marija, dik l-omm tal-Knisja, Għajnuna tal-Insara, li żgur titfa' l-oħla ħarsa fuqek u fuq il-Parroċċa tagħna. Għax Marija taf li f'San Ġorġ għandha l-mixtla tagħha, li tinżera', tikber u tixxettel, tissaqqa u titħawwel band'oħra. Għandek għax tithenna li fil-Knisja tiegħek issib 'il Marija Santissima taħt kull aspett privileġġjat u devozzjonali tagħha - il-Konċepiment bla Tebgħa tagħha, it-Tħabbira tal-Maternità, Ko-Redentrici fid-Duluri tagħha, Mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, ma' l-Għarus Tagħha Ġużeppi u Binha Ġesù fis-Sagra Familja, Ta' Mejju, ta' Fatima, ta' Lourdes, f'Ġesù Marija sa minn kwazi 300 sena ilu.

Mons. Arċipriet, illum qed tieħu l-Pussess bħala Ragħaj tal-Merħla, bħala l-bidwi tal-Qasam ta' San Ġorġ. Kif jista' jonqsok il-kuraġġ fil-missjoni ġdida tiegħek meta taf li l-patrun tiegħek, tal-Knisja tiegħek, tal-Komunità Parrokkjali tiegħek għandek il-glorjuż kbir Martri ta' Kristu San Ġorġ li wera ruħu, bħal ismu, bidwi tant tajjeb u bieżel li b'demmu saqqa l-art li faret bil-frott tal-Mulej. Kif jista' jiġik id-dubju li ma jkunx il-ħin kollu miegħek meta taf li jinsab hemm fuq, għadu jiżra' minn hemm fuq il-grazzji tiegħu fuq din il-Parroċċa għażiża biex tkompli tkabbar u ssaħħaħ il-missjoni evanġelika, pastorali, apostolika, missjunarja, liturġika, ministerjali tagħha. U meta jiġi xi mument li jonqsok il-kuraġġ, ittawwallu ftit fin-niċċa, ħares lejh u filwaqt li tara f'ismu l-bidwi ta' Kristu, tara fil-figura tiegħu t-tribun Ruman mħażżem bil-karozza tal-fidi, bl-elmu tal-fehma soda u bix-xabla tat-twemmin, u tħossok timtela bil-kuraġġ.

Mons. Arċipriet, meta jisbaħ għada t-Tnejn, tgħidx "Għall-erwieħ għax ħlist mill-battikata tal-festa". Il-Parroċċa fejn il-pastroali u l-apostolat u l-ministeru tal-qadi sejjer il-ħin kollu bla heda u fejn in-nies twiċġeb għas-sejħa u tikkonkorri, il-festa tkun kuljum. Fil-Parroċċa tiegħek, il-festa ta' San Ġorġ ma taħbatx fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Il-festa taħbat kuljum, - 365 festa fi 365 ġurnata, għax għall-glorja t'Alla ħa l-martirju l-patrun tagħna San Ġorġ u għall-glorja t'Alla qed taħdem il-Parroċċa tagħna. Verament missjoni tqila u ta' responsabbiltà. L-intenzjoni tiegħi li semmejtlek dan kollu ma kienx li naqtagħlek qalbek u nbeżżgħek iżda kien li nurik x'kobor ta' fiduċja għandna li Dun Salv kapaċi, bil-għajnuna t'Alla, ta' Marija Santissima u tal-glorjuż patrun tagħna San Ġorġ, mhux biss jieħu kura iżda jkabbar il-parrokkjabilità tal-Parroċċa tagħna. U aħna, l-Komunità Parrokkjali tiegħek, inwegħduk il-għajnuna, il-koperazzjoni, l-ubbidjenza, il-lealtà, il-ġenerosità, tagħna. M'aħniex xi komunità sinjura. Aħna komunita li fil-parti l-kbira tagħna ta' nies li jaqilgħu l-ħobżna ta' kuljum u nikluha, iżda aħna sinjuri fil-ġenerożita tagħna lejn il-Parroċċa tagħna. Bħall-antenati tagħna ta' l-1676 li talbu żieda fit-taxxa ta' żewġ grani fuq kull tomna ikel biex igħinu fil-bini tal-Knisja ta' San Ġorġ, bħal dawk missirijietna li għenu kull meta l-Knisja ġarrbet ħsarat b'terremoti u attakki tal-Misilmin, bħal dawk kontemporanji li taw sehemhom biex jissebbaħ dan it-tempju, aħna wkoll lesti li nagħtu s-sehem tagħna, ix-xogħol tagħna u qlubna lill-Arċipriet il-ġdid biex flimkien miegħu, ragħaj u merħla flimkien, inkomplu nsaħħu u nkabbru il-parrokkjabilità tal-Parroċċa tagħna u nżommuha kif dejjem kienet, il-ġebla tax-xewka tad-Djoċesi Għawdxija.

*Diskors ta' Mons Salv Borg, Arċipriet - jaqbad minn p. XI*

jimmaturaw u jikbru f'insara qaddisa.

Imħabba lejn min hu nieqes mill-imħabba: lejn il-foqra, lejn min għandu xi problema, lejn min qed isofri inġustizzja. Imħabba lejn kulħadd, f'kull ħin u bi kwalunkwe mod.

Imħabba lejn is-saċerdoti tagħna, lejn dawk li qegħdin jissagrifikaw ħajjithom għall-ġid tagħna lkoll. Imħabba lejn ir-Ragħaj Spiritwali tagħna, li fih naraw il-mexxej li jirdilna l-ġid. Imħabba lejn il-Papa Missier tagħna, rappreżentant ta' Kristu fuq l-art.

Dan hu l-awgurju li jien nagħmlilkom llum u li nagħmel ukoll lili nnifsi bħala wieħed minnkom: ejjew nilbsu l-imħabba, ejjew ngħixu l-imħabba, ejjew nibnu l-imħabba. B'hekk inkunu nistgħu nserrħu rasna li qegħdin nagħtu s-sehem tagħna biex tikber, tissaħħaħ u tisseddaq il-għaqda ta' bejnietna.

Hu programm kbir u jitlob sagrifiċċju; iżda ma għandniex naqtgħu qalbna; Ġesù Ewkaristija, imħabba u għaqda, jagħtina dik il-forza li aħna għandna bżonn. Marija Omm Alla u Omm tagħna l-bnedmin tieqaf magħna u tgħinna nitkebbsu bl-imħabba biex nikbru fil-għaqda. U fuq kollox: hemm Hu, il-Kbir Patrun tagħna San Ġorġ, Ġorġi ta' Lidda, l-Istilla tagħna. Hu miet għall-imħabba, u ġie mħallas b'imħabba. Hu ġġieled biex jgħaqqad, u popli sħaħ jingħaqdu jqimuh.

Lejk indur, o Ġorġi tagħna: għinni int f'din il-missjoni tqila li ġiet afdata f'idejja. Kun int l-istilla li tiddi fuq ix-xefaq ta' ħajti; kun int it-tbissima li titliegħeb fuq fommi; kun int li tgħinni biex ġurnata, rebbieħ bħalek Ġesù jxiddli l-kuruna lili' u lil dawk afdati f'idejja, jxiddilna l-kuruna tar-rebħa dejjiema, ta' l-imħabba u l-għaqda bejnietna.

*Diskors tas-Sur George N. Cassar - jaqbad minn p. XV*

arċipriet li l-parroċċa bi ħġarha, laqgħetu mill-bidu nett b'dirgħajha miftuħa, u nixtieq li f'din it-talba tingħaqdu miegħi lkoll. Din it-talba nagħmilha lil wieħed kappillan umli u semplici, li f'għajnejn id-dinja seta' deher dgħajjef u mistmerr, imma Alla għażlu bħala eżempju għall-kappillani u żejnu bl-aħjar doni biex ikun mexxej li jfejjaq l-erwieħ. Fhimtuni. Qed ngħid għal San Ġwann Vianney, il-kurat ta' Ars.

Int, O protettur tal-kappillani, int li għal erbgħin sena erfajt bosta slaleb u għext ħajja mogħtija kollha kemm hi għall-ministeru li kien jifnik, imma wasalt biex ġennint 'il-folol għal warajk għax fik raw qaddis, għin lil Dun Salv "iġorr u jitgħabba bix-xogħol tal-jum u tas-sħana", għinu jegħleb id-diffikultajiet li ma' kull xemx li titla' jrid iħabbat wiċċu magħhom, għinu u qaddsu sabiex bħalek ikun jista' jqaddes lill-oħrajn, u hekk jasal biex jibni komunità spiritwali, sħiħa fil-fidi, magħquda fl-imħabba, komunità li tagħraf taqsam mhux biss il-ħobż tas-sema imma wkoll il-ħobż ta' l-art.

**REFERENZI:**

i. Lumen Gentium
ii Christus Dominus
iii Discorsi di Papa Giov. Paolo II (1985, Vol V & VI)
iv. Ittra Apostolika tal-Papa Gwanni Pawlu II lis-Saċerdoti nhar Ħamis ix-Xirka-1986.
v. Infasslu l-Parroċċa flimkien - Patri Elija Vella
vi. Il-Konċilju ttrasforma 'l-Parroċċa? - Diskors ta' l-E.T. Mons N. Cauchi.
vii. Il-Kappillan - Diskors ta' Mons Carm Mercieca
viii Il vero Pastore d'anime - B. E. Naddeo
ix. The People's Priest - John CV. Heenan.
x. Shaping tomorrow's Church - D. Sullivan.

*Diskors ta' Patri Bonaventura Camilleri - jaqbad minn p. XVI*

ħajja bil-kotra"[11]

Il-fidi u l-imħabba huma ż-żewġ armi li għandu dejjem iħaddem kontra l-qawwiet tal-ħażen, il-Papa, l-Isqof, il-Kappillan; **Fidi** fid-divinità ta' Kristu; ir-Ragħaj il-Kbir, u l-**Imħabba:** cioè servizz ferrieħi lill-Knisja: il-Merħla.

B'dawn biss: bil-Fidi bl-Imħabba jista' ir-Ragħaj ikompli jorbot u jsaħħaħ dak li Alla rabat sa minn dejjem: jorbot u jsħħaħ l-ispirtu mal-materja; id-divin ma' l-uman; 'l Alla mal-bniedem; il-grazzja man-natura; il-fidi max-xjenza; ir-ruħ mal-ġisem; il-morali mal-kuxjenza; il-providenza mal-maturità, l-azzjoni divina mal-libertà umana; ir-reliġjon mal-politika; il-Knisja ma'l-Istat. Realtajiet dawn li x-xitan, l-għadu t'Alla u tal-bniedem, jipprova dejjem jifred. Għalhekk Ġesù lil Pietru qallu: **"Inti Pietru, u fuq din il-Blata jien nibni l-Knisja tiegħi: u qawwiet l-infern ma jegħelbuhiex"**[12].

**Ir-Ragħaj u l-Merħla.**

Ir-Ragħaj: il-Kappillan, l-Isqof, il-Papa; Kristu.

Hawn waħeda toħroġ l-għajta ferrieħa tal-Merħla:

**"Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni: f'mergħat kollhom ħdura jqiegħdni. Ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni; hemm Hu jrejjaqni: imexxini fit-triq tas-sewwa minħabba l-isem tiegħu. Imqarr jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mil-ħsara, għax inti miegħi. Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek, huma jwennsuni. Int tħejji mejda għalija quddiem l-għedewwa tiegħi... Miegħi, iva, jimxu t-tjieba u l-ħniena l-jiem kollha ta' ħajti. U ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj"**[13]

**RIFERENZI**

1 **Lq. 1, 28-38.**
2 **Ġw.** 1, 14.
3 **Atti** 1, 14; 2, 1-4.
4 **Lq.** 22, 19-20;
5 **1Kor.** 11, 23-25
5 **Ġw.** 10,11.
6 **Mt.** 16, 16-19
7 **Ara: Ġw.** 21, 15-17.
8 **Mt.** 16, 16.
9 **Mt,** 28, 20.
10 3, 11.
11 **Ġw.** 10, 10.
12 **Mt.** 16, 18.
13 **Salm** 22.

> ***"Din hija l-mira li nixtieq li lkoll kemm aħna nilħqu: l-imħabba u l-għaqda; l-għaqda u l-imħabba. Fuq dawn iż-żewġ kolonni nibnu l-ħajja tagħna."***
>
> *Silta meħuda mid-diskors li għamel l-Arċipriet Mons Salv Borg f'Jum il-Pussess*